KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
PIKAMÄE
ippreżentati fis-16 ta' Marzu 2023 [1]

Kawżi magħquda C-26/22 u C-64/22

UF (C-26/22)
AB (C-64/22)
vs
Land Hessen,
fil-preżenza ta'
SCHUFA Holding AG

(talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Verwaltungsgericht Wiesbaden (il-Qorti Amministrattiva ta' Wiesbaden, il-Ġermanja))

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali – Regolament (UE) 2016/679 – Il-punt (f) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 6(1) – Legalità tal-ipproċessar – Artikolu 17(1)(d) – Dritt għat-tħassir f'każ ta' ipproċessar illegali ta' data personali – Artikolu 40 – Kodiċijiet ta' kondotta – Artikolu 77(1) – Dritt li jitressaq ilment – Artikolu 78(1) – Dritt għal rimedju ġudizzjarju effettiv kontra awtorità superviżorja – Artikoli 7 u 8 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea – Deċiżjoni meħuda mill-awtorità superviżorja dwar ilment – Portata tal-istħarriġ ġudizzjarju ta' din id-deċiżjoni – Kumpanniji privati li jipprovdu informazzjoni kummerċjali – Ħażna ta' data li toriġina minn reġistru pubbliku – Interess leġittimu – Perijodu tal-ħażna"

I. Introduzzjoni

1. Dawn it-talbiet għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Verwaltungsgericht Wiesbaden (il-Qorti Amministrattiva ta' Wiesbaden, il-Ġermanja) abbażi tal-Artikolu 267 TFUE għandhom bħala l-għan tagħhom l-interpretazzjoni tal-Artikoli 7 u 8 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta") kif ukoll tal-punt (f) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 6(1), tal-Artikolu 17(1)(d), tal-Artikolu 40, tal-Artikolu 77(1) u tal-Artikolu 78(1) tar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*) [2] (iktar 'il quddiem ir-"RĠPD").

[1] Lingwa oriġinali: il-Franċiż.

[2] ĠU 2016, L 119, p. 1, rettifika fil-ĠU 2018, L 127, p. 2.

2. Dawn it-talbiet jaqgħu fil-kuntest ta' żewġ kawżi bejn, fl-ewwel waħda, UF (Kawża C-26/22) u, fit-tieni waħda, AB (Kawża C-64/22) u l-Land Hessen (il-Land ta' Hessen, il-Ġermanja), irrappreżentat mill-Hessischer Beauftragter für Datenschutz und Informationsfreiheit (il-Kummissarju għall-Protezzjoni tad-Data u għal-Libertà tal-Informazzjoni għal-Land ta' Hessen, iktar 'il quddiem il-"HBDI"), dwar talbiet, imressqa rispettivament minn UF u minn AB quddiem il-HBDI, sabiex jipproċedi għall-finijiet tat-tħassir ta' iskrizzjoni marbuta mar-rilaxx minn dejn li ma tħallasx lura lil SCHUFA Holding AG (iktar 'il quddiem "SCHUFA").

3. Iż-żewġ kawżi jqajmu għadd ta' kwistjonijiet legali li ma ġewx ittrattati qabel, *inter alia*, dwar in-natura legali tad-deċiżjoni meħuda mill-awtorità superviżorja adita b'ilment, kif ukoll dwar il-portata tal-istħarriġ ġudizzjarju li l-qorti tista' teżerċita fil-kuntest ta' rikors ippreżentat kontra tali deċiżjoni. Dawn il-kawżi jirrigwardaw ukoll il-kwistjoni marbuta mal-legalità tal-ħażna minn kumpanniji li jipprovdu informazzjoni kummerċjali, ta' data personali li toriġina minn reġistri pubbliċi.

II. Il-kuntest ġuridiku

A. Id-dritt tal-Unjoni

1. Ir-Regolament (UE) 2015/848

4. Skont l-Artikolu 79(4) u (5) tar-Regolament (UE) 2015/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2015 dwar proċedimenti ta' insolvenza [3]:

"4. L-Istati Membri għandhom ikunu responsabbli, f'konformità mad-Direttiva 95/46/KE [tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 95/46/KE tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward ta' l-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 15, p. 355)], għall-ġbir u l-ħżin ta' *data* f'bażijiet ta' *data* nazzjonali u għal deċiżjonijiet meħudin biex din id-*data* tkun disponibbli fir-reġistru interkonness li jista' jiġi kkonsultat permezz tal-Portal Ewropew tal-Ġustizzja elettronika.

5. Bħala parti mill-informazzjoni li għandha tingħata lis-suġġetti tad-*data* sabiex ikunu jistgħu jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom, u b'mod partikolari d-dritt għat-tħassir tad-*data*, l-Istati Membri għandhom jinfurmaw lis-suġġetti tad-*data* dwar il-perjodu ta' aċċessibbilità stabbilit għad-*data* personali maħżuna f'reġistri ta' insolvenza."

2. Ir-RĠPD

5. L-Artikolu 5 tar-RĠPD jiddisponi, fil-paragrafu 1 tiegħu:

"Id-*data* personali għandha:

[…]

[3] ĠU 2015, L 141, p. 19, rettifika fil-ĠU 2016, L 349, p. 9.

(b) tinġabar għal finijiet speċifikati, espliċiti u leġittimi u ma għandhiex tiġi pproċessata ulterjorment b'mod inkompatibbli ma' dawk il-finijiet; […] ('limitazzjoni tal-fini'):

[…]"

6. L-Artikolu 6 ta' dan ir-regolament jipprovdi, fil-paragrafu 1 tiegħu:

"L-ipproċessar għandu jkun legali biss jekk u safejn mill-inqas ikun japplika wieħed mill-punti li ġejjin:

[…]

(f) l-ipproċessar ikun meħtieġ għall-finijiet tal-interessi leġittimi segwiti mill-kontrollur jew minn parti terza, għajr meta dawn l-interessi jingħelbu mill-interessi jew id-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tas-suġġett tad-*data* li jeħtieġu l-protezzjoni tad-*data* personali […].

[…]"

7. L-Artikolu 17 tar-RĠPD jipprovdi, fil-paragrafu 1 tiegħu:

"Is-suġġett tad-*data* għandu d-dritt li jikseb mingħand il-kontrollur it-tħassir ta' *data* personali dwaru mingħajr dewmien żejjed u l-kontrollur għandu l-obbligu li jħassar *data* personali mingħajr dewmien żejjed jekk tkun tapplika waħda minn dawn ir-raġunijiet li ġejjin:

[…]

(c) is-suġġett tad-*data* joġġezzjona għall-ipproċessar skont l-Artikolu 21(1) u ma jkun hemm l-ebda raġuni leġittima prevalenti għall-ipproċessar, jew is-suġġett tad-*data* joġġezzjona għall-ipproċessar skont l-Artikolu 21(2);

(d) id-*data* personali tkun ġiet ipproċessata illegalment;

[…]"

8. L-Artikolu 21 ta' dan ir-regolament jiddisponi, fil-paragrafu 1 tiegħu:

"Is-suġġett tad-*data* għandu d-dritt li joġġezzjona, għal raġunijiet relatati mas-sitwazzjoni partikolari tiegħu, fi kwalunkwe mument għall-ipproċessar ta' *data* personali li tikkonċerna lilu li hija bbażata fuq il-punt (e) jew (f) tal-Artikolu 6(1), inkluż it-tfassil ta' profili abbażi ta' dawk id-dispożizzjonijiet. Il-kontrollur ma għandux jibqa' jipproċessa d-*data* personali sakemm il-kontrollur ma jagħtix raġunijiet leġittimi konvinċenti għall-ipproċessar li jegħlbu l-interessi, id-drittijiet u l-libertajiet tas-suġġett tad-*data* jew għall-istabbiliment, l-eżerċizzju jew id-difiża ta' talbiet legali."

9. L-Artikolu 40 tal-imsemmi regolament jistabbilixxi:

"1. L-Istati Membri, l-awtoritajiet superviżorji, il-Bord u l-Kummissjoni għandhom jinkoraġġixxu t-tfassil ta' kodiċijiet ta' kondotta maħsuba biex jikkontribwixxu għall-applikazzjoni xierqa ta' dan ir-Regolament, b'kont meħud tal-karatteristiċi speċifiċi tad-diversi setturi tal-ipproċessar u l-ħtiġijiet speċifiċi ta' impriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju.

2. Assoċjazzjonijiet u korpi oħrajn li jirrappreżentaw kategoriji ta' kontrolluri jew proċessuri jistgħu jħejju kodiċijiet ta' kondotta, jew jemendaw jew jestendu dawn il-kodiċijiet, bil-għan li jispeċifikaw l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, bħal fil-rigward ta':

(a) l-ipproċessar ġust u trasparenti;

(b) l-interessi leġittimi segwiti mill-kontrolluri f'kuntesti speċifiċi;

(c) il-ġbir tad-*data* personali;

[…]

5. L-assoċjazzjonijiet u korpi oħra msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu li għandhom l-għan li jħejju kodiċi ta' kondotta jew li jemendaw jew jestendu kodiċi eżistenti, għandhom jippreżentaw l-abbozz ta' kodiċi, l-emenda jew l-estensjoni lill-awtorità superviżorja li hija kompetenti skont l-Artikolu 55. L-awtorità superviżorja għandha tipprovdi opinjoni dwar jekk l-abbozz ta' kodiċi, l-emenda jew l-estensjoni jikkonformawx ma' dan ir-Regolament u għandha tapprova tali abbozz ta' kodiċi, emenda jew estensjoni jekk hija tqis li jipprovdu biżżejjed salvagwardji xierqa.

[…]"

10. L-Artikolu 77 tar-RĠPD jipprovdi, fil-paragrafu 1 tiegħu:

"Mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe rimedju amministrattiv jew ġudizzjarju ieħor, kull suġġett tad-*data* għandu d-dritt li jressaq ilment quddiem awtorità superviżorja, b'mod partikolari fl-Istat Membru tar-residenza abitwali tiegħu, il-post tax-xogħol tiegħu jew il-post tal-ksur allegat, jekk is-suġġett tad-*data* jqis li l-ipproċessar ta' *data* personali dwaru jikser dan ir-Regolament".

11. L-Artikolu 78 ta' dan ir-regolament jiddisponi:

"1. Mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe rimedju amministrattiv jew mhux ġudizzjarju ieħor, kull persuna fiżika jew ġuridika għandu jkollha d-dritt għal rimedju ġudizzjarju effettiv kontra deċiżjoni legalment vinkolanti ta' awtorità superviżorja li tikkonċernaha.

2. Mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe rimedju amministrattiv jew mhux ġudizzjarju ieħor, kull suġġett tad-*data* għandu d-dritt għal rimedju ġudizzjarju effettiv fejn l-awtorità superviżorja li hija kompetenti skont l-Artikoli 55 u 56 ma titrattax ilment jew ma tinformax lis-suġġett tad-*data* fi żmien tliet xhur dwar il-progress jew l-eżitu tal-ilment skont l-Artikolu 77.

[…]"

B. Id-dritt Ġermaniż

12. L-Artikolu 9 tal-Insolvenzordnung (il-Kodiċi dwar l-Insolvenza), fil-verżjoni tiegħu fis-seħħ meta ġraw il-fatti fil-kawża prinċipali, jipprovdi, fil-paragrafu 1 tiegħu:

"Il-pubblikazzjoni uffiċjali titwettaq permezz ta' pubblikazzjoni ċentrali li ssir fil-Länder kollha fuq l-internet; tista' ssir permezz ta' estratti. Id-debitur għandu jiġi identifikat bi preċiżjoni; għandhom

jiġu indikati b'mod partikolari, l-indirizz tiegħu u s-settur tal-attività tiegħu. Il-pubblikazzjoni titqies li tkun twettqet wara li jkunu ddekorrew jumejn addizzjonali mill-jum tal-pubblikazzjoni."

13. L-Artikolu 3 tal-Verordnung zu öffentlichen Bekanntmachungen in Insolvenzverfahren im Internet (ir-Regolament dwar il-Pubblikazzjonijiet Uffiċjali Mxandra bl-Internet fil-Kuntest ta' Proċeduri ta' Insolvenza, iktar 'il quddiem l-"InsBekV") jistabbilixxi, fil-paragrafi 1 u 2 tiegħu:

"1) Il-pubblikazzjoni, f'sistema elettronika ta' informazzjoni u ta' komunikazzjoni, ta' data marbuta ma' proċedura ta' insolvenza, inkluża l-proċedura ta' ftuħ, għandha titħassar mhux iktar tard minn sitt xhur wara li tkun ġiet annullata l-proċedura ta' insolvenza jew li s-sospensjoni ta' dan tal-aħħar tkun saret definittiva. Jekk il-proċedura ma tkunx miftuħa, dan it-terminu jibda jiddekorri mill-annullament tal-miżuri kawtelatorji ppubblikati.

2) L-ewwel sentenza tal-paragrafu 1 tapplika għall-pubblikazzjonijiet li jitwettqu fil-kuntest ta' proċedura ta' rilaxx minn dejn li ma tħallasx lura, inkluż id-digriet previst fl-Artikolu 289 tal-Kodiċi tal-Insolvenza, b'tali mod li t-terminu inkwistjoni jibda jiddekorri minn meta d-deċiżjoni marbuta mar-rilaxx minn dejn li ma tħallasx lura tkun saret definittiva."

III. Il-fatti li taw lok għall-kawża, il-proċedura fil-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

14. Fil-kuntest tal-proċeduri ta' insolvenza li jikkonċernawhom, UF u AB ingħataw rilaxx antiċipat minn dejn li ma tħallasx lura, permezz ta' digrieti ġudizzjarji mogħtija rispettivament fis-17 ta' Diċembru 2020 u fit-23 ta' Marzu 2021. Konformement mal-Artikolu 9(1) tal-Kodiċi dwar l-Insolvenza kif ukoll mal-Artikolu 3(1) u (2) tal-InsBekV, din iċ-ċirkustanza kienet is-suġġett ta' pubblikazzjoni uffiċjali fuq l-internet, li tħassret mal-iskadenza ta' sitt xhur.

15. SCHUFA, kumpannija privata li tipprovdi informazzjoni kummerċjali, tirreġistra fid-databases tagħha l-informazzjoni ppubblikata marbuta ma' rilaxxi antiċipati minn dejn li ma tħallasx lura, iżda tħassarha biss tliet snin wara r-reġistrazzjoni.

16. Meta ġiet interpellata rispettivament minn UF u AB li talbu t-tħassir tal-iskrizzjonijiet li jikkonċernawhom, SCHUFA indikatilhom li l-attività tagħha kienet tosserva r-RĠPD u li t-terminu għat-tħassir ta' sitt xhur previst fl-Artikolu 3(1) tal-InsBekV ma kienx applikabbli għaliha. Għaldaqstant, UF u AB individwalment ressqu ilment quddiem il-HBDI bħala l-awtorità superviżorja kompetenti.

17. Il-HBDI ddeċieda dwar dawn l-ilmenti permezz ta' żewġ opinjonijiet mogħtija rispettivament fl-1 ta' Marzu 2021 u fid-9 ta' Lulju 2021. Fl-opinjoni tiegħu, SCHUFA kellha dritt taħżen in-noti negattivi marbuta ma' rilaxx minn dejn li ma tħallasx lura lil hinn mill-perijodu tar-rilaxx tal-kreditu.

18. UF u AB individwalment ippreżentaw rikors kontra l-opinjoni tal-HBDI quddiem il-Verwaltungsgericht Wiesbaden (il-Qorti Amministrattiva ta' Wiesbaden), li hija l-qorti tar-rinviju. F'dan ir-rigward, huma jsostnu li l-HBDI huwa obbligat, fil-kuntest tal-missjonijiet u tas-setgħat tiegħu, li jadotta miżuri fil-konfront ta' SCHUFA sabiex jobbligaha tħassar l-iskrizzjonijiet li jikkonċernawhom.

19. F'dan ir-rigward, il-qorti tar-rinviju tqis li huwa neċessarju, fl-ewwel lok, li tiġi ċċarata n-natura legali tad-deċiżjoni li l-awtorità superviżorja tagħti fir-rigward ta' ilment mressaq skont l-Artikolu 77(1) tar-RĠPD. Dik il-qorti tesponi li, fl-opinjoni tal-HBDI, id-dritt previst f'dan l-Artikolu 77(1) huwa ddisinjat bħala dritt ta' petizzjoni. Għaldaqstant, dan jista' jkun suġġett biss għal stħarriġ ġudizzjarju ristrett li sempliċiment jivverifika li l-awtorità superviżorja pproċessat l-ilment, informat l-attur tiegħu bl-istadju li laħaq u bl-eżitu ta' dan l-ilment. Għall-kuntrarju, il-qorti ma għandhiex tistħarreġ l-eżattezza tal-mertu tad-deċiżjoni mogħtija dwar dan l-ilment.

20. Madankollu, l-imsemmija qorti għandha dubju dwar il-konformità ta' din l-analiżi mar-RĠPD. Fl-opinjoni tagħha, effettivament, l-Artikolu 78(1) ta' dan ir-regolament jirrikjedi rimedju ġudizzjarju effettiv. Fid-dawl tal-għan tal-imsemmi regolament, li jikkonsisti, fil-kuntest tal-implimentazzjoni tal-Artikoli 7 u 8 tal-Karta, li tiġi żgurata protezzjoni effettiva tal-libertajiet u tad-drittijiet fundamentali tal-persuni fiżiċi, it-trattament tad-dritt għal ilment ma jistax jingħata interpretazzjoni restrittiva. Għaldaqstant, il-qorti tar-rinviju hija inklinata tadotta interpretazzjoni li skontha d-deċiżjoni meħuda fuq il-mertu mill-awtorità superviżorja hija suġġetta għall-istħarriġ sħiħ tal-qorti, b'kont meħud tal-fatt madankollu li din l-awtorità għandha kemm setgħa ta' evalwazzjoni kif ukoll setgħa diskrezzjonali u li tista' tiġi obbligata taġixxi biss meta ma jkunux jistgħu jiġu identifikati opzjonijiet legali.

21. Fit-tieni lok, il-qorti tar-rinviju tistaqsi dwar il-legalità tal-ħażna, minn kumpanniji li jipprovdu informazzjoni kummerċjali, ta' data li toriġina minn reġistri pubbliċi. F'dan ir-rigward, dik il-qorti tispeċifika li dawn il-kumpanniji jiksbu mingħand l-Istat l-iskrizzjonijiet kollha li joriġinaw minn reġistri pubbliċi, f'dan il-każ ir-reġistru ta' debituri u r-reġistru ta' insolvenza. Din id-data sservi, skont il-HBDI, sabiex tiġi evalwata s-solvenza u tista' tinħażen għal tul ta' żmien li jkun neċessarju għall-finijiet li għalihom din tkun inħażnet. Barra minn hekk, fl-assenza ta' leġiżlazzjoni prevista mil-leġiżlatur nazzjonali, ġew adottati kodiċijiet ta' kondotta mill-awtoritajiet superviżorji bi qbil mal-assoċjazzjoni li tiġbor fiha l-kumpanniji li jipprovdu informazzjoni kummerċjali, b'tali mod li dawn il-kodiċijiet ta' kondotta jipprevedu t-tħassir eżattament tliet snin wara l-iskrizzjoni fil-fajl.

22. Skont il-qorti tar-rinviju, fid-dawl tal-Artikoli 7 u 8 tal-Karta, tqum il-kwistjoni dwar jekk l-iskrizzjonijiet fir-reġistri pubbliċi jistgħux jiġu ttrasferiti b'mod identiku f'reġistri privati mingħajr il-ħtieġa li l-ħażna tad-data ssir f'okkażjoni speċifika. Fl-aħħar mill-aħħar, din tikkostitwixxi żamma ta' data, speċjalment jekk din tkun diġà tħassret mir-reġistru nazzjonali minħabba l-iskadenza tat-terminu tal-ħażna. Barra minn hekk, SCHUFA hija biss kumpannija li tipprovdi informazzjoni kummerċjali waħda fost oħrajn, b'tali mod li d-data tiġi maħżuna fil-Ġermanja b'mod multiplu, fatt li jimplika ksur enormi tad-dritt fundamentali sanċit fl-Artikolu 7 tal-Karta.

23. Il-qorti tar-rinviju żżid li l-ipproċessar, u għaldaqstant il-ħażna tad-data, jiġu awtorizzati biss jekk tkun issodisfatta waħda mill-kundizzjonijiet previsti fl-Artikolu 6(1) tar-RĠPD, filwaqt li huwa speċifikat li, f'dan il-każ, huwa biss il-punt (f) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 6(1) ta' dan ir-regolament li jista' jiġi kkunsidrat. Issa, huwa dubjuż li kontrollur bħal SCHUFA, għandu interess leġittimu fis-sens ta' din id-dispożizzjoni. Fi kwalunkwe każ, kumpannija li tipprovdi informazzjoni kummerċjali hija dejjem libera li tikkonsulta, f'każ ta' interess leġittimu, ir-reġistru pubbliku kemm-il darba d-data tkun maħżuna fih.

24. Barra minn hekk, fl-Artikolu 3 tal-InsBekV, il-leġiżlatur Ġermaniż jipprovdi biss għal tul ta' ħażna relattivament qasir, ta' sitt xhur, tal-iskrizzjoni, fir-reġistru ta' insolvenza, marbuta mar-rilaxx minn dejn li ma tħallasx lura. Min-naħa tagħha, din il-leġiżlazzjoni hija bbażata fuq

l-Artikolu 79(5) tar-Regolament 2015/848, li skontu l-Istati Membri għandhom jinformaw lis-suġġetti tad-data bil-perijodu li matulu d-data personali maħżuna fir-reġistri ta' insolvenza hija aċċessibbli, bil-għan li jippermettulhom jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom, u b'mod partikolari d-dritt għat-tħassir tad-data. Madankollu, dan id-dritt ma jibqax jeżisti f'każ ta' ħażna f'numru kbir ta' reġistri privati li fihom għaldaqstant id-data tiġi maħżuna għal żmien itwal.

25. Barra minn hekk, anki jekk jiġi ammess li l-ħażna, minn kumpanniji privati li jipprovdu informazzjoni kummerċjali, ta' data li toriġina minn reġistri pubbliċi hija legali, tista' tqum il-mistoqsija dwar jekk il-kodiċijiet ta' kondotta approvati konformement mal-Artikolu 40 tar-RĠPD, li jipprevedu terminu għat-tħassir ta' tliet snin għall-iskrizzjoni marbuta mar-rilaxx minn dejn li ma tħallasx lura, għandhomx jittieħdu inkunsiderazzjoni fl-ibbilanċjar li tirrikjedi li jsir l-evalwazzjoni skont il-punt (f) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 6(1) tar-RĠPD.

26. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Verwaltungsgericht Wiesbaden (il-Qorti Amministrattiva ta' Wiesbaden) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1) L-Artikolu 77(1), moqri flimkien mal-Artikolu 78(1) tar-[RĠPD] għandu jinftiehem fis-sens li l-konklużjoni tal-awtorità superviżorja li hija kkomunikata minn din l-awtorità lill-persuna kkonċernata

a) għandha n-natura ta' teħid ta' deċiżjoni dwar petizzjoni, bil-konsegwenza li l-istħarriġ ġudizzjarju eżerċitat fir-rigward ta' deċiżjoni dwar ilment adottata minn awtorità superviżorja taħt l-Artikolu 78(1) ta' dan ir-regolament ikun bħala prinċipju limitat għall-kwistjoni ta' jekk din l-awtorità ttrattatx l-ilment, jekk investigatx b'mod adegwat dwar is-suġġett tiegħu u jekk informatx lil-lanjant bil-konklużjoni tal-eżami,

jew

b) għandha tinftiehem bħala deċiżjoni fuq il-mertu adottata minn awtorità, bil-konsegwenza li, fil-kuntest tal-istħarriġ ġudizzjarju eżerċitat fuq deċiżjoni dwar ilment adottata minn awtorità superviżorja skont l-Artikolu 78(1) tal-imsemmi regolament, id-deċiżjoni fuq il-mertu għandha tkun is-suġġett ta' stħarriġ sħiħ minn qorti, fejn huwa magħruf li, f'każijiet partikolari, pereżempju fil-każ li titneħħa s-setgħa diskrezzjonali, il-qorti tista' anki tobbliga lill-awtorità superviżorja tieħu miżura konkreta fis-sens tal-Artikolu 58 tal-istess regolament?

2) Il-ħażna ta' data minn kumpannija privata li tipprovdi informazzjoni kummerċjali, ħażna li fil-kuntest tagħha data personali li toriġina minn reġistru pubbliku bħalma huma d-"databases nazzjonali" fis-sens tal-Artikolu 79(4) u (5) tar-[Regolament 2015/848] tinħażen mhux fl-okkażjoni ta' każ konkret iżda sabiex tkun tista' tingħata informazzjoni fil-każ li tintalab, hija kompatibbli mal-Artikoli 7 u 8 tal-[Karta]?

3) (a) Id-databases paralleli privati (b'mod partikolari d-databases miżmuma minn kumpannija li tipprovdi informazzjoni kummerċjali) li jinħolqu b'mod parallel mad-databases statali u li fihom id-data li toriġina minn dawn tal-aħħar (f'dan il-każ, pubblikazzjonijiet fil-qasam tal-insolvenza) tinħażen għal żmien itwal minn dak previst fil-kuntest strett tar-Regolament 2015/848, moqri flimkien mad-dritt nazzjonali, huma bħala prinċipju leġittimi?

3) (b) Jekk il-punt (a) tat-tielet domanda għandu jingħata risposta fl-affermattiv, mid-dritt li wieħed jintesa previst fl-Artikolu 17(1)(d) tar-[RĠPD] jirriżulta li din id-data għandha titħassar meta t-tul tal-ipproċessar previst għar-reġistru pubbliku jkun skada?

4) Sa fejn il-punt (f) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 6(1) tar-[RĠPD] jista' jitqies bħala l-unika bażi legali għall-ħażna ta' data mill-kumpanniji privati li jipprovdu informazzjoni kummerċjali, u dan anki fir-rigward tad-data maħżuna fir-reġistri pubbliċi, għandu jitqies li tali kumpannija għandha diġà interess leġittimu f'sitwazzjoni fejn ma tiħux id-data li toriġina mir-reġistru pubbliku f'okkażjoni konkreta iżda tieħu din id-data sabiex tkun sussegwentement disponibbli fil-każ li ssir talba għal informazzjoni?

5) Il-kodiċi ta' kondotta approvati mill-awtoritajiet superviżorji konformement mal-Artikolu 40 tar-Regolament 2016/679 u li jipprevedu perijodi ta' superviżjoni u ta' tħassir li jmorru lil hinn mill-perijodi ta' ħażna previsti għar-reġistri pubbliċi jistgħu jissospendu l-ibbilanċjar previst fil-punt (f) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 6(1) ta' dan ir-regolament?"

IV. Il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

27. Id-deċiżjoni tar-rinviju fil-Kawża C-26/22, datata t-23 ta' Diċembru 2021, waslet fir-reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-11 ta' Jannar 2022. Id-deċiżjoni tar-rinviju fil-Kawża C-64/22, datata l-31 ta' Jannar 2022, waslet fir-reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja fit-2 ta' Frar 2022.

28. B'deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-11 ta' Frar 2022, dawn il-kawżi ġew magħquda għall-finijiet tal-proċedura bil-miktub u orali, kif ukoll għas-sentenza.

29. Il-partijiet fil-kawża prinċipali, SCHUFA, il-Gvern Ġermaniż u Portugiż, kif ukoll il-Kummissjoni Ewropea ppreżentaw osservazzjonijiet bil-miktub fit-terminu stabbilit mill-Artikolu 23 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.

30. Waqt is-seduta tas-26 ta' Jannar 2023, il-mandatarji *ad litem* tal-partijiet fil-kawża prinċipali, ta' SCHUFA, u l-aġenti tal-Kummissjoni, ippreżentaw osservazzjonijiet orali.

V. Analiżi ġuridika

A. Rimarki preliminari

31. Billi l-fiduċja reċiproka tikkostitwixxi l-bażi ta' kull impenn kuntrattwali f'ekonomija tas-suq, huwa, bħala prinċipju, komprensibbli mill-perspettiva intraprenditorjali li l-forniturі ta' servizzi u ta' oġġetti jkunu jixtiequ jsiru jafu l-klijenti tagħhom kif ukoll ir-riskji inerenti għal tali impenn kuntrattwali. Il-kumpanniji ta' informazzjoni kummerċjali jistgħu jikkontribwixxu għal din il-fiduċja reċiproka permezz ta' metodi statistiċi li jippermettu lill-impriżi jistabbilixxu jekk ċerti kriterji rilevanti, inkluża s-solvenza tal-klijenti tagħhom, humiex issodisfatti f'każ partikolari. B'dan il-mod, dawn tal-aħħar jgħinu lill-impriżi jikkonformaw ruħhom ma' diversi dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni li jimponi fuqhom speċifikament tali obbligi għal ċerti

kategoriji ta' kuntratti, b'mod partikolari l-kuntratti ta' kreditu [4]. Madankollu, dawn il-kumpanniji ma humiex l-uniċi li jipprovdu tali servizzi. Konxju min-neċessità li tiġi żgurata ċerta trasparenza u prevedibbiltà fit-tranżazzjonijiet finanzjarji, il-leġiżlatur tal-Unjoni jirrikjedi li l-Istati Membri joħolqu u jżommu reġistru wieħed jew iktar li fihom tiġi ppubblikata informazzjoni li tirrigwarda l-proċeduri ta' insolvenza.

32. Minn dan isegwi li jeżistu diversi databases b'mod parallel, jiġifieri minn naħa, ir-reġistri "uffiċjali" ġestiti mill-awtoritajiet pubbliċi u, min-naħa l-oħra, id-databases amministrati minn kumpanniji privati. Dan il-paralleliżmu jista' jwassal għal kompetizzjoni bejn is-sistemi u anki jipprovoka kunflitti legali jekk is-sistemi legali li jkunu suġġetti għalihom dawn ir-reġistri jvarjaw bejniethom b'mod kunsiderevoli. Id-differenzi regolatorji jistgħu jsiru partikolarment problematiċi jekk jaffettwaw il-protezzjoni tad-data peress li tkun xi tkun l-entità, pubblika jew privata, li tiġġestixxi r-reġistru, din għandha tosserva l-interess tas-suġġetti tad-data fil-mod kif tiġi ġestita u rreġistrata din id-data. Fil-fatt, billi l-informazzjoni marbuta mas-sitwazzjoni ekonomika ta' persuna hija kkaratterizzata mis-sensittività tagħha fir-rigward tal-osservanza tad-dritt għall-protezzjoni tad-data personali u għall-ħajja privata, din tirrikjedi diliġenza partikolari.

33. Ir-RĠPD, applikabbli sa mill-25 ta' Mejju 2018, ħoloq kuntest ġuridiku li huwa intiż li jieħu inkunsiderazzjoni l-interessi msemmija iktar 'il fuq fi ħdan l-Unjoni kollha, b'mod partikolari billi jimponi ċerti kundizzjonijiet għall-ipproċessar tad-data personali. B'hekk, il-punt (f) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 6(1) tar-RĠPD jeżiġi li l-ipproċessar għandu jkun neċessarju għall-finijiet tal-interessi leġittimi mfittxija minn kontrollur jew minn terz kontrollur, kemm-il darba ma jkunux jipprevalu l-interessi jew il-libertajiet u d-drittijiet fundamentali tas-suġġett tad-data li jeżiġu protezzjoni tad-data personali. Fi kliem ieħor, il-legalità tal-ipproċessar għandha tirriżulta minn ibbilanċjar bejn id-diversi interessi inkwistjoni, b'tali mod li l-interessi leġittimi mfittxija mill-kontrollur jew minn terz kontrollur għandhom jipprevalu. Hija l-awtorità superviżorja li, skont l-Artikolu 77(1) tar-RĠPD, għandha tittratta kull ilment possibbli tas-suġġett tad-data bbażat fuq il-ksur tad-drittijiet fundamentali tiegħu, li għandha tivverifika jekk humiex sodisfatti dawn il-kundizzjonijiet. Fl-aħħar, jekk din il-persuna tiddeċiedi li tippreżenta rikors kontra d-deċiżjonijiet tal-awtorità superviżorja, konformement mal-Artikolu 78(1) tar-RĠPD, il-qrati nazzjonali jkunu obbligati jiżguraw li jwettqu stħarriġ ġudizzjarju effettiv.

34. Il-punti preċedenti jiġbru fil-qosor id-diversi aspetti legali mqajma mill-qorti tar-rinviju fit-talbiet tagħha għal deċiżjoni preliminari. L-ewwel domanda tirrigwarda n-natura legali ta' deċiżjoni adottata mill-awtorità superviżorja adita b'ilment, kif ukoll il-portata tal-istħarriġ ġudizzjarju li l-qorti tista' teżerċita fil-kuntest ta' rikors ippreżentat kontra tali deċiżjoni. It-tieni sal-ħames domanda essenzjalment jirrigwardaw il-legalità tal-ħażna, minn kumpanniji li jipprovdu informazzjoni kummerċjali, ta' data personali li toriġina minn reġistri pubbliċi. Id-domandi preliminari sejrin jiġu eżaminati iktar 'il quddiem fl-ordni li fih dawn ġew magħmula mill-qorti tar-rinviju.

[4] B'mod konkret, dawn huma l-Artikoli 18 u 21 tad-Direttiva 2014/17/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Frar 2014 dwar kuntratti ta' kreditu għall-konsumaturi marbutin ma' proprjetà immobbli residenzjali u li temenda d-Direttivi 2008/48/KE u 2013/36/UE u r-Regolament (UE) Nru 1093/2010 (ĠU 2014, L 60, p. 34, rettifika fil-ĠU 2015, L 246, p. 11) kif ukoll l-Artikoli 8 u 9 tad-Direttiva 2008/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2008 dwar ftehim ta' kreditu għall-konsumatur u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 87/102/KEE (ĠU 2008, L 133, p. 66, rettifiki fil-ĠU 2009, L207, p. 14, rettifiki fil-ĠU 2010, L 199, p. 40, u rettifiki fil-ĠU 2011, L 234, p. 46).

B. Fuq l-ewwel domanda preliminari

35. Ġaladarba l-ewwel domanda tirrigwarda ż-żewġ stadji tar-rimedju ġudizzjarju amministrattiv, jiġifieri l-ilment quddiem l-awtorità superviżorja u r-rimedju ġudizzjarju quddiem awtorità ġudizzjarja, irregolati rispettivament mill-Artikoli 77 u 78 tar-RĠPD, inqis li huwa f'loku li nagħti deskrizzjoni konċiża ta' dawn iż-żewġ stadji u, permezz ta' dan, nittratta l-aspetti legali li qiegħda tistaqsi dwarhom il-qorti tar-rinviju.

36. Kif indikajt fir-rimarki preliminari, ir-RĠPD huwa intiż li jiżgura l-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar tad-data personali, rikonoxxuta bħala dritt fundamentali fl-Artikolu 8(1) tal-Karta kif ukoll fl-Artikolu 16(1) TFUE. Ġaladarba kull ipproċessar ta' data personali jista' jinċidi fuq il-ħajja privata, jeħtieġ li tissemma wkoll il-protezzjoni ggarantita mill-Artikolu 7 tal-Karta[5]. Barra minn hekk, mill-Artikolu 1(2) tar-RĠPD, moqri flimkien mal-premessi 10, 11 u 13 ta' dan ir-regolament, jirriżulta li l-leġiżlatur tal-Unjoni jafda dan il-kompitu f'idejn il-korpi u l-organi tal-Unjoni, iżda wkoll f'idejn l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri, fosthom l-awtoritajiet superviżorji u l-qrati nazzjonali[6].

1. Ir-rwol tal-awtoritajiet superviżorji, inkluż l-obbligu li jeżaminaw l-ilmenti

37. F'dan ir-rigward, jeħtieġ li jiġi rrilevat li l-Artikolu 8(3) tal-Karta jipprovdi li l-osservanza tar-regoli dwar il-protezzjoni tad-data personali hija suġġetta għall-kontroll ta' awtorità indipendenti. L-Artikolu 57(1)(a) tar-RĠPD jimplimenta dan l-obbligu li jirriżulta mid-dritt primarju, billi jipprovdi li kull awtorità superviżorja għandha l-missjoni li *timmonitorja l-applikazzjoni ta' dan ir-regolament u tiżgura l-osservanza tiegħu*. It-trattament tal-ilmenti mressqa mis-suġġett tad-data jifforma parti mir-responsabbiltajiet tagħha, kif jirriżulta espressament mill-Artikolu 57(1)(f) tar-RĠPD.

38. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, skont din id-dispożizzjoni, "kull awtorità superviżorja *hija meħtieġa*, fit-territorju tagħha, *tittratta l-ilmenti* li kull persuna, konformement mal-Artikolu 77(1) ta' dan ir-regolament, hija intitolata li tressaq meta tqis li pproċessar ta' data personali li tikkonċernaha jikkostitwixxi ksur tal-imsemmi regolament, u teżamina s-suġġett ta' dawn l-ilmenti sa fejn ikun meħtieġ"[7]. F'dan il-kuntest, hemm lok li tingħibed l-attenzjoni dwar il-fatt li l-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat l-obbligu impost fuq l-awtorità superviżorja li "tittratta tali lment *bid-diliġenza kollha meħtieġa*" sabiex tiżgura l-osservanza tad-dispożizzjonijiet tar-RĠPD. Bl-istess mod, jeħtieġ li jiġi nnotat li l-premessa 141 tispeċifika li "[l]-investigazzjoni li ssegwi l-ilment għandha *titwettaq* […] *dment li tkun adatta fil-każ speċifiku*."

39. Dawn l-elementi kollha jwassluni sabiex naħseb li l-awtorità superviżorja għandha *obbligu imperattiv li tittratta l-ilmenti* mressqa minn suġġett tad-data, u dan għandha tagħmlu bid-diliġenza kollha meħtieġa fil-każ partikolari[8]. Sa fejn kull ksur tar-RĠPD jista', bħala prinċipju, jikkostitwixxi ksur tad-drittijiet fundamentali, jidhirli li l-għoti lill-awtorità superviżorja tas-setgħa diskrezzjonali li tittratta jew le l-ilmenti huwa inkompatibbli mas-sistema stabbilita minn dan ir-regolament. Tali approċċ ipoġġi f'dubju r-rwol kruċjali li huwa mogħti lilha mir-RĠPD li jikkonsisti f'li tiżgura l-osservanza tar-regoli dwar il-protezzjoni tad-data personali

5 Ara l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Szpunar fil-kawża Latvijas Republikas Saeima (Punti ta' penalità) (C-439/19, EU:C:2020:1054, punt 48).

6 Sentenza tal-15 ta' Ġunju 2021, Facebook Ireland *et* (C-645/19, EU:C:2021:483, punti 44 u 45).

7 Sentenza tal-16 ta' Lulju 2020, Facebook Ireland u Schrems (C-311/18, EU:C:2020:559 punt 109).

8 Ara, f'dan is-sens, Kotschy, W., "Article 77. Right to lodge a complaint with a supervisory authority" *The EU General Data Protection Regulation (GDPR)*, Kuner, C., Bygrave, L. A., Docksey, C., Dreschler, L. (edituri), Oxford 2020, p. 1 123.

u, konsegwentement, imur, kontra l-għanijiet imfittxija mil-leġiżlatur tal-Unjoni [9]. Fl-aħħar mill-aħħar, ma għandux jintesa li l-ilmenti jikkostitwixxu sors prezzjuż ta' informazzjoni għall-awtorità superviżorja, li jippermettilha tindividwa l-istanzi ta' ksur [10].

40. Din l-interpretazzjoni hija iktar u iktar konvinċenti meta l-Artikolu 57(1)(f) tar-RĠPD jimponi fuq l-awtorità superviżorja serje ta' rekwiżiti fil-kuntest tal-ipproċessar ta' tali lment, jiġifieri l-obbligu li teżamina s-suġġett tal-ilment, sa fejn ikun neċessarju, li tinforma lill-awtur tal-ilment dwar l-istat tal-progress u dwar l-eżitu tal-investigazzjoni f'terminu raġonevoli, b'mod partikolari jekk tkun neċessarja investigazzjoni ulterjuri jew koordinazzjoni ma' awtorità superviżorja oħra. Ma' dan kollu jiżdied l-obbligu, previst fl-Artikolu 77(2) tar-RĠPD, li tinforma lill-awtur tal-ilment dwar l-istat tal-progress u dwar l-eżitu ta' dan tal-aħħar, inkluż dwar il-possibbiltà ta' rimedju ġudizzjarju skont l-Artikolu 78 tar-RĠPD. Dawn ir-rekwiżiti kollha, li jaqgħu taħt il-kunċett ta' "amministrazzjoni tajba", sa fejn dan tal-aħħar huwa stabbilit fl-Artikolu 41 tal-Karta speċifikament fir-rigward tal-attivitajiet tal-istituzzjonijiet u l-organi tal-Unjoni [11], huma intiżi li jsaħħu l-proċedura tal-ilmenti sabiex din issir *rimedju amministrattiv reali*.

41. Għalkemm l-awtorità superviżorja, bħala gwardjan tal-osservanza tad-dispożizzjonijiet tar-RĠPD, hija obbligata li tittratta l-ilmenti li jitressqu quddiemha, diversi elementi jimmilitaw favur interpretazzjoni li skontha din tal-aħħar għandha għad-dispożizzjoni tagħha *setgħa ta' evalwazzjoni meta teżamina dawn l-ilmenti*, kif ukoll *ċertu marġni ta' manuvra fir-rigward tal-għażla mal-mezzi adatti* sabiex twettaq il-missjonijiet tagħha. Fil-fatt, l-Avukat Ġenerali Saugmandsgaard Øe osserva li l-Artikolu 58(1) tar-RĠPD "jagħti lill-awtoritajiet superviżorji setgħat investigattivi sinjifikattivi għal dan l-għan" u li dawn tal-aħħar għandhom għad-dispożizzjoni tagħhom, skont l-Artikolu 58(2) ta' dan ir-regolament, "firxa wiesgħa ta' mezzi […] sabiex [iwettqu] il-kompitu fdat [lilhom]", filwaqt li jagħmel riferiment f'dan il-kuntest għad-diversi setgħat ta' adozzjoni ta' miżuri korrettivi elenkati f'din id-dispożizzjoni [12]. Sussegwentement, huwa speċifika li għalkemm l-awtorità superviżorja kompetenti "għandha twettaq bis-sħiħ il-missjoni ta' sorveljanza fdata lilha", "l-għażla tal-iktar mezz effettiv taqa' fid-diskrezzjoni [tagħha], wara li tqis iċ-ċirkustanzi kollha tat-trasferiment inkwistjoni" [13]. Jiena nista' biss nikkondividi din l-interpretazzjoni.

42. Id-deskrizzjoni ddettaljata tas-setgħa tal-awtoritajiet superviżorji li jadottaw miżuri korrettivi tagħti prova tal-fatt li l-leġiżlatur tal-Unjoni ma kellux l-għan li jagħmel il-proċedura tal-ilment proċedura li tappartjeni għal dik ta' petizzjoni. Għall-kuntrarju, l-għan leġiżlattiv jidher li kien li jinħoloq mekkaniżmu li kapaċi *jissalvagwardja b'mod effettiv id-drittijiet u l-interessi tal-persuni li jressqu lmenti*. Ġaladarba ntqal dan, jidhirli li huwa ċar li dik il-marġni ta' manuvra ma tistax tiġi interpretata fis-sens li l-awtorità superviżorja għandha għad-dispożizzjoni tagħha setgħa illimitata, li tawtorizzaha taġixxi b'mod arbitrarju. Għall-kuntrarju, l-awtorità superviżorja hija

[9] Ara, f'dan is-sens, Härting, N., Flisek, C., Thiess, L., "DSGVO: Der Verwaltungsakt wird zum Normalfall - Das neue Beschwerderecht", *Computer und Recht*, 5/2018, p. 299, li jfakkru li, konformement mal-Artikolu 57(1)(a) tar-RĠPD, l-awtorità superviżorja għandha l-missjoni li timmonitorja l-applikazzjoni tar-RĠPD u li tiżgura l-osservanza ta' dan tal-aħħar fl-interess tas-suġġetti tad-data. Skont l-awturi, hija ma għandhiex tibqa' inattiva meta d-drittijiet ta' ċittadin jiġu miksura permezz ta' ipproċessar ta' data personali. Għall-kuntrarju, l-awtorità superviżorja hija obbligata li tirrimedja s-sitwazzjoni u li tagħmel użu mis-setgħat li hija għandha għad-dispożizzjoni tagħha skont l-Artikolu 58(2) tar-RĠPD.

[10] Ara, f'dan is-sens, Hijmans, H., "Article 55. Tasks", *The EU General Data Protection Regulation (GDPR)*, Kuner, C., Bygrave, L. A., Docksey, C., Drechsler, L. (edituri), Oxford, 2020, p. 934 u 936.

[11] Ara l-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża Il-Parlament vs UZ (C-894/19 P, EU:C:2021:497, punt 68) għal spjegazzjoni ddettaljata tal-kunċett ta' "amministrazzjoni tajba" fid-dritt amministrattiv tal-Unjoni.

[12] Konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Saugmandsgaard Øe fil-kawża Facebook Ireland u Schrems (C-311/18, EU:C:2019:1145, punti 146 u 147).

[13] Konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Saugmandsgaard Øe fil-kawża Facebook Ireland u Schrems (C-311/18, EU:C:2019:1145, punt 148).

obbligata teżerċita l-imsemmija marġni ta' manuvra b'osservanza tal-limiti imposti fuqha mid-dritt tal-Unjoni. Huwa wkoll għal din ir-raġuni li ma tistax tiġi eskluża l-possibbiltà li l-awtorità superviżorja, bħala organu amministrattiv, tkun kostretta tadotta miżura partikolari minħabba ċirkustanzi partikolari tal-każ, b'mod partikolari meta jkun jeżisti riskju serju ta' ksur tad-drittijiet fundamentali tas-suġġett tad-data.

43. Din l-interpretazzjoni, li tagħti lill-awtorità superviżorja ċerta marġni ta' manuvra fl-għażla tal-mezzi, hija kkorroborata mill-Artikolu 58(4) tar-RĠPD, li jipprovdi li "[l]-eżerċizzju tas-setgħat ikkonferiti lill-awtorità superviżorja skont dan l-Artikolu għandu jkun soġġett għal salvagwardji xierqa, [inkluż ir-]*rimedju ġudizzjarju effettiv*" (korsiv miżjud minni) konformement mal-Artikolu 47 tal-Karta. Barra minn hekk, l-Artikolu 78(1) u (2) tar-RĠPD jirrikonoxxi d-dritt ta' kull persuna li jkollha rimedju ġudizzjarju effettiv kontra deċiżjoni legalment vinkolanti ta' awtorità superviżorja li tikkonċernaha jew meta din l-awtorità tonqos milli tittratta l-ilment tagħha.

44. Dan iwassalni għall-kwistjoni dwar in-*natura legali tad-deċiżjonijiet meħuda mill-awtorità superviżorja* li l-qorti tar-rinviju qajmet fit-talbiet tagħha għal deċiżjoni preliminari. F'dan ir-rigward, jeħtieġ li tiġi evokata l-premessa 141 tar-RĠPD, li minnha jirriżulta li "[k]ull suġġett tad-data għandu jkollu d-dritt li jressaq ilment quddiem awtorità superviżorja […] u jkollu d-dritt għal rimedju ġudizzjarju effettiv f'konformità mal-Artikolu 47 tal-Karta jekk is-suġġett tad-data jqis li jkun hemm ksur tad-drittijiet tiegħu skont dan ir-Regolament jew fejn l-awtorità superviżorja *ma tiħux azzjoni b'rabta ma' lment, tirrifjuta jew tiċħad l-ilment parzjalment jew kompletament jew ma tiħux azzjoni* fejn tali azzjoni tkun meħtieġa għall-protezzjoni tad-drittijiet tas-suġġett tad-data" (korsiv miżjud minni). Din il-premessa tieħu inkunsiderazzjoni l-fatt li deċiżjoni tal-awtorità superviżorja tista' tikkawża preġudizzju lis-suġġett tad-data, b'mod partikolari jekk tikkonkludi li l-ilment ma huwiex fondat, tikkunsidra li ma hemmx ksur tar-RĠPD u għaldaqstant ma tadotta l-ebda miżura sabiex tikkoreġi s-sitwazzjoni li tat lok għall-ilment. Il-leġiżlatur tal-Unjoni jirrikonoxxi *l-effett legalment vinkolanti ta' tali deċiżjoni* u, konsegwentement, jiftaħ għall-awtur tal-ilment rimedju ġudizzjarju quddiem qorti nazzjonali.

45. Bl-istess mod, jeħtieġ li jiġi rrilevat li *l-awtorità superviżorja ma hijiex libera li ma tirreaġixxix*, peress li jirriżulta mill-Artikolu 78(2) tar-RĠPD li "kull suġġett tad-data għandu d-dritt għal rimedju ġudizzjarju effettiv fejn l-awtorità superviżorja li hija kompetenti skont l-Artikoli 55 u 56 ma titrattax ilment jew ma tinformax lis-suġġett tad-data fi żmien tliet xhur dwar il-progress jew l-eżitu tal-ilment skont l-Artikolu 77." Din iċ-ċirkustanza tipprojbixxi kull assimilazzjoni tal-proċedura tal-ilment ma' petizzjoni.

46. F'dan il-każ, kif sostniet il-qorti tar-rinviju fid-deċiżjonijiet tagħha tar-rinviju, l-awtorità superviżorja adottat deċiżjonijiet legalment vinkolanti fir-rigward tar-rikorrenti fil-kawża prinċipali. Hija kkonstatat, essenzjalment, li l-ipproċessar tad-data personali tar-rikorrenti minn SCHUFA kien legali skont il-punti (b) u (f) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 6(1) tar-RĠPD u, b'dan, impliċitament ċaħdet ir-rikors għal miżura ta' investigazzjoni jew korrettiva.

2. Il-portata tal-istħarriġ ġudizzjarju fuq id-deċiżjonijiet meħuda mill-awtorità superviżorja

47. Ir-rimedju ġudizzjarju previst fl-Artikolu 78 tar-RĠPD jikkostitwixxi t-tieni stadju tar-rimedju ġudizzjarju amministrattiv previst minn dan ir-regolament. F'dan il-kuntest, jeħtieġ li jiġi rrilevat li kemm l-"ilment" quddiem l-awtorità superviżorja kif ukoll ir-"rimedju ġudizzjarju" huma intiżi bħala "drittijiet" tas-suġġett tad-data, fatt li huwa perfettament komprensibbli jekk

nitilqu mill-idea li tgħid l-Artikoli 77 sa 79 tar-RĠPD huma intiżi li *jimplimentaw id-dritt għal rimedju effettiv*, stabbilit fl-Artikolu 47 tal-Karta. Kif diġà indikajt preċedentement [14], qari flimkien tal-Artikolu 58(4) u tal-Artikolu 78 tar-RĠPD, fid-dawl tal-premessa 141 ta' dan ir-regolament, jippermetti li jiġi individwat b'mod ċar dan l-għan [15].

48. Fir-rigward tal-*portata tal-istħarriġ ġudizzjarju* fuq id-deċiżjonijiet meħuda mill-awtorità superviżorja, hemm lok li jitfakkar li r-regoli nazzjonali fil-qasam ta' proċedura amministrattiva japplikaw b'mod ġenerali fil-kuntest tal-awtonomija proċedurali, b'riżerva għall-prinċipji ta' ekwivalenza u ta' effettività [16]. Madankollu, jiena nikkunsidra li rimedju jista' jkun "effettiv" fis-sens tal-Artikolu 47 tal-Karta u tal-Artikolu 78(1) tar-RĠPD biss jekk il-qorti nazzjonali li għandha l-ġurisdizzjoni jkollha s-setgħa u l-obbligu li tissuġġetta d-deċiżjoni fuq il-mertu tal-awtorità superviżorja għal *stħarriġ ġudizzjarju sħiħ* bil-għan li tivverifika jekk l-awtorità superviżorja applikatx b'mod korrett ir-RĠPD.

49. Kif diġà fakkret il-Qorti tal-Ġustizzja fil-ġurisprudenza tagħha, "leġiżlazzjoni li ma tipprevedi ebda possibbiltà li individwu jeżerċita rimedji legali sabiex ikollu aċċess għal data personali li tikkonċernah, jew sabiex ikun jista' jirrettifika jew iħassar tali data, ma tosservax il-kontenut essenzjali tad-dritt fundamentali għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva, kif sanċit fl-Artikolu 47 tal-Karta. Fil-fatt, l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 47 tal-Karta jeżiġi li kull persuna li d-drittijiet u l-libertajiet tagħha ggarantiti mid-dritt tal-Unjoni jiġu miksura jkollha d-dritt għal rimedju effettiv quddiem qorti skont il-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-artikolu. F'dan ir-rigward, l-eżistenza nnifisha ta' stħarriġ ġudizzjarju effettiv intiż li jiżgura l-osservanza tad-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni hija inerenti għall-eżistenza tal-istat tad-dritt" [17].

50. Sabiex tiġi ddeterminata l-portata tal-istħarriġ ġudizzjarju fuq id-deċiżjonijiet adottati mill-awtorità superviżorja, jidhirli li huwa rilevanti li tiġi evokata qabel xejn il-premessa 141 tar-RĠPD, li minnha jirriżulta li "[l]-investigazzjoni li ssegwi l-ilment għandha titwettaq, *soġġett għal stħarriġ ġudizzjarju*, dment li tkun adatta fil-każ speċifiku" (korsiv miżjud minni). Sussegwentement, jeħtieġ li tiġi evokata l-premessa 143 tar-RĠPD, li tiddikjara li "kull persuna fiżika jew ġuridika għandu jkollha rimedju ġudizzjarju effettiv quddiem il-qorti nazzjonali kompetenti kontra deċiżjoni ta' awtorità superviżorja li tipproduċi effetti legali fir-rigward ta' dik il-persuna. *Tali deċiżjoni tikkonċerna b'mod partikolari t-tħaddim ta' setgħat investigattivi, korrettivi u ta' awtorizzazzjoni mill-awtorità superviżorja jew iċ-ċaħda jew ir-rifjut ta' ilmenti*" (korsiv miżjud minni). Fl-opinjoni tiegħi, dawn is-siltiet għandhom jinftehmu fis-sens li l-istħarriġ ġudizzjarju li għandu jsir mill-qorti nazzjonali skont l-Artikolu 78 tar-RĠPD għandu jkun sħiħ, jiġifieri għandu jiġi estiż għall-aspetti kollha li jaqgħu taħt is-setgħa ta' evalwazzjoni eżerċitata mill-awtorità superviżorja fil-kuntest tal-eżami tas-suġġett ta' ilment, kif ukoll taħt il-marġni diskrezzjonali tagħha marbut mal-għażla tal-miżuri ta' investigazzjoni u tal-miżuri korrettivi.

51. L-għan tal-leġiżlatur tal-Unjoni li jiggarantixxi stħarriġ ġudizzjarju sħiħ fuq kull deċiżjoni ta' awtorità superviżorja li tipproduċi effetti legali fir-rigward tas-suġġett tad-data li jkun ressaq ilment quddiem din tal-aħħar jirriżulta partikolarment evidenti jekk tittieħed inkunsiderazzjoni silta oħra mill-premessa 143 tar-RĠPD, li tipprovdi li "[l]-proċedimenti kontra awtorità superviżorja għandhom jitressqu quddiem il-qrati tal-Istat Membru fejn tkun stabbilita l-awtorità

[14] Ara l-punti 43 u 44 ta' dawn il-konklużjonijiet.

[15] Ara s-sentenza tal-Qorti tal-EFTA tal-10 ta' Diċembru 2020 fil-Kawżi magħquda E-11/19 u E-12/19, Adpublisher AG vs J u K, punt 58, li fihom dik il-qorti tosserva li l-Artikolu 58(4) u l-Artikolu 78 tar-RĠPD "jesprimu d-dritt għal rimedju ġudizzjarju effettiv".

[16] Sentenza tas-7 ta' Settembru 2021, Klaipėdos regiono atliekų tvarkymo centras (C-927/19, EU:C:2021:700, punt 146).

[17] Sentenza tas-6 ta' Ottubru 2015, Schrems (C-362/14, EU:C:2015:650, punt 95).

superviżorja u għandhom jitwettqu skont il-liġi proċedurali ta' dak l-Istat Membru. *Dawk il-qrati għandhom iħaddmu l-ġurisdizzjoni sħiħa li għandha tinkludi ġurisdizzjoni biex jiġu eżaminati l-kwistjonijiet kollha ta' fatt u ta' liġi rilevanti għat-tilwim li jitressaq quddiemhom*" (korsiv miżjud minni) [18]. Jiena nqis li huwa biss stħarriġ ġudizzjarju ta' tali portata li jkun jissodisfa r-rekwiżiti tal-Artikolu 47 tal-Karta [19].

52. Għall-kuntrarju, l-argumenti mqajma minn SCHUFA u mill-HBDI li jimmilitaw favur stħarriġ ġudizzjarju limitat tad-deċiżjonijiet tal-awtoritajiet superviżorji ma jidhirlix li huma konvinċenti. Fl-ewwel lok, l-"indipendenza" rrikonoxxuta lill-awtorità superviżorja skont l-Artikolu 52 tar-RĠPD, li tikkonkretizza r-rekwiżit previst fl-Artikolu 8(3) tal-Karta, għandha l-għan li tipproteġi lil din l-awtorità minn kull indħil indebitu, iżda ma jeżentahiex mill-obbligu li teżerċita l-missjonijiet u s-setgħat tagħha b'rispett sħiħ tad-dritt tal-Unjoni u li tissuġġetta d-deċiżjonijiet tagħha għal stħarriġ ġudizzjarju effettiv, bħal kull awtorità nazzjonali. Fit-tieni lok, l-eżistenza ta' dritt għal rimedju ġudizzjarju kontra l-kontrollur, previst fl-Artikolu 79 tar-RĠPD, ma teskludix id-dritt li jiġi ppreżentat rikors kontra deċiżjoni meħuda mill-awtorità superviżorja, skont l-Artikolu 78 tar-RĠPD. Dawn ir-rimedji ġudizzjarji jikkoeżistu b'mod awtonomu, mingħajr ma wieħed huwa sussidjarju għall-ieħor, b'tali mod li dawn jistgħu jiġu eżerċitati b'mod parallel [20]. Għaldaqstant ma jistax jiġi allegat li r-rikorrenti aġixxew illegalment fid-difiża tad-drittijiet tagħhom protetti mir-RĠPD peress li pprivileġġjaw rimedju ġudizzjarju partikolari. Konsegwentement, hemm lok li dawn l-argumenti jiġu miċħuda.

53. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, hemm lok li tingħata risposta għall-ewwel domanda preliminari li l-Artikolu 78(1) tar-RĠPD għandu jiġi interpretat fis-sens li minn din id-dispożizzjoni jirriżulta li deċiżjoni legalment vinkolanti ta' awtorità superviżorja hija suġġetta għal stħarriġ ġudizzjarju sħiħ dwar il-mertu.

C. Fuq it-tieni sal-ħames domanda preliminari

54. It-tieni sal-ħames domanda preliminari essenzjalment jirrigwardaw il-legalità tal-ħażna, minn kumpanniji li jipprovdu informazzjoni kummerċjali, ta' data personali li toriġina minn reġistri pubbliċi. Id-domandi magħmula mill-qorti tar-rinviju jqajmu serje ta' problemi legali marbuta ma' din il-prassi li għandhom jiġu eżaminati b'mod strutturat. Għall-finijiet ta' ċarezza, inqis li hemm lok li d-domandi jiġu rraggruppati skont it-tema u li dawn jiġu ttrattati f'dak l-ordni.

55. Bil-għan li tipprovdi lill-qorti tar-rinviju risposta utli li tkun tippermettilha li tiddeċiedi t-tilwima li hija adita biha, il-Qorti tal-Ġustizzja sejjer ikollha tinterpreta diversi dispożizzjonijiet tar-RĠPD li, minkejja li ma ġewx previsti espressament fid-domandi, jidhru li huma madankollu rilevanti. Tali approċċ huwa possibbli peress li, skont ġurisprudenza stabbilita, il-Qorti tal-Ġustizzja tista' tislet mill-informazzjoni kollha pprovduta mill-qorti tar-rinviju, u b'mod partikolari mill-motivazzjoni tad-deċiżjoni tar-rinviju, ir-regoli u l-prinċipji tad-dritt tal-Unjoni li jeħtieġu interpretazzjoni fid-dawl tas-suġġett tat-tilwima fil-kawża prinċipali [21].

[18] Ara s-sentenza tat-12 ta' Jannar 2023, Nemzeti Adatvédelmi és Információszabadság Hatóság (C-132/21, EU:C:2023:2, punt 41).

[19] Ara, f'dan is-sens, Kotschy, W., "Article 77. Right to lodge a complaint with a supervisory authority", *The EU General Data Protection Regulation (GDPR)*, Kuner, C., Bygrave, L. A., Docksey, C., Drechsler, L. (edituri), Oxford, 2020, p. 1 127 sa 1 130.

[20] Ara l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Richard de la Tour fil-Kawża Budapesti Elektromos Művek *et* (C-132/21, EU:C:2022:661, punti 43 *et seq*).

[21] Sentenzi tal-11 ta' Novembru 2020, DenizBank (C-287/19, EU:C:2020:897, punt 59), u tal-24 ta' Frar 2022, Glavna direktsia "Pozharna bezopasnost i zashtita na naselenieto" (C-262/20, EU:C:2022:117, punt 33).

56. Tali analiżi bir-reqqa jidhirli li hija iktar u iktar neċessarja sa fejn il-qorti tar-rinviju tagħmel riferiment kultant esklużivament għall-Artikoli 7 u 8 tal-Karta fid-domandi tagħha, meta dawn id-dispożizzjonijiet ma japplikawx b'mod iżolat, kif spjegat il-Qorti tal-Ġustizzja, iżda għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni fil-kuntest tal-ibbilanċjar previst fil-punt (f) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 6(1) tar-RĠPD[22]. Barra minn hekk, f'dan il-kuntest infakkar li, sa fejn id-dispożizzjonijiet tar-RĠPD jimplimentaw id-drittijiet fundamentali inkwistjoni, l-interpretazzjoni tad-dritt derivat loġikament tikkostitwixxi l-punt tat-tluq ta' kull interpretazzjoni, b'tali mod li dan tal-aħħar għandu jinqara' fid-dawl tad-dritt primarju, li tifforma parti integrali minnu l-Karta[23]. Għaldaqstant sejjer nintegra fl-analiżi iktar 'il quddiem id-dispożizzjonijiet kollha li jidhruli li huma rilevanti.

1. Fuq il-konformità tal-prassi tal-kumpanniji li jipprovdu informazzjoni kummerċjali mal-prinċipji li jirregolaw l-ipproċessar tad-data personali stabbiliti fir-RĠPD

57. Il-Kapitolu II tar-RĠPD, intitolat "Prinċipji", jistabbilixxi l-prinċipji marbuta mal-ipproċessar ta' data personali. Iktar 'il quddiem sejjer neżamina jekk il-prassi tal-kumpanniji li jipprovdu informazzjoni kummerċjali, li tikkonsisti fil-ħżin ta' data personali li toriġina minn reġistri pubbliċi għal perijodu ta' tliet snin, hijiex konformi mal-prinċipji li jidhruli li huma l-iktar rilevanti f'dan il-kuntest, jiġifieri l-prinċipji ta' legalità, ta' limitazzjoni tal-fini u ta' minimizzazzjoni tad-data.

58. Għall-finijiet tal-analiżi, sejjer nibbaża ruħi fuq l-informazzjoni pprovduta mill-qorti tar-rinviju u minn SCHUFA, li tenfasizza madankollu li hija din tal-aħħar li għandha, bħala kontrollur, turi li l-prinċipji msemmija iktar 'il fuq ġew osservati, konformement mal-prinċipju ta' responsabbiltà stabbilit fl-Artikolu 5(2) tar-RĠPD.

a) Fuq il-konformità mal-prinċipju ta' legalità (il-punt (f) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 6(1) tar-RĠPD)

59. L-Artikolu 5(1)(a) tar-RĠPD jeżiġi li d-data personali tiġi pproċessata b'mod legali, ġust u trasparenti fir-rigward tas-suġġett tad-data. Skont l-Artikolu 6(1) tar-RĠPD, l-ipproċessar ta' data personali jkun legali biss jekk tkun issodisfatta l-kundizzjoni marbuta ma' waħda mir-raġunijiet elenkati fih. Kif iddeċidiet il-Qorti tal-Ġustizzja, din hija lista eżawrjenti u limitattiva ta' każijiet li fihom tali pproċessar jista' jitqies bħala legali[24]. Essenzjalment, il-qorti tar-rinviju tixtieq tkun taf jekk il-punt (f) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 6(1) tar-RĠPD jawtorizzax kumpannija privata li tipprovdi informazzjoni kummerċjali taħżen data personali li toriġina minn reġistri pubbliċi bil-għan li tqiegħed din id-data għad-dispożizzjoni ta' klijent f'każ li dan jitlobha.

60. Skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja[25], il-punt (f) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 6(1) tar-RĠPD jipprevedi tliet kundizzjonijiet kumulattivi sabiex ipproċessar ta' data personali jkun legali, jiġifieri, fl-ewwel lok, it-tfittxija ta' interess leġittimu mill-kontrollur jew mit-terz kontrollur li lilu ġiet ikkomunikata d-data, fit-tieni lok, in-neċessità tal-ipproċessar tad-data personali għat-twettiq tal-interess leġittimu mfittex u, fit-tielet lok, il-kundizzjoni li ma

22 Sentenza tal-11 ta' Diċembru 2019, Asociația de Proprietari bloc M5A-ScaraA (C-708/18, EU:C:2019:1064, punt 32).

23 Sentenza tas-26 ta' April 2022, Il-Polonja vs Il-Parlament u Il-Kunsill (C-401/19, EU:C:2022:297, punt 47).

24 Sentenzi tat-22 ta' Ġunju 2021, Latvijas Republikas Saeima (Punti ta' penalità) (C-439/19, EU:C:2021:504, punt 99), u tal-1 ta' Awwissu 2022, Vyriausioji tarnybinės etikos komisija (C-184/20, EU:C:2022:601, punt 67).

25 Sentenza tas-17 ta' Ġunju 2021, M.I.C.M. (C-597/19, EU:C:2021:492, punt 106).

jkunux jipprevalu d-drittijiet fundamentali u l-libertajiet fundamentali tas-suġġett tad-data mill-protezzjoni tad-data. Għalkemm hija l-qorti tar-rinviju li għandha tevalwa jekk humiex issodisfatti dawn il-kundizzjonijiet, huwa madankollu kompitu tal-Qorti tal-Ġustizzja li tiggwidaha f'din l-evalwazzjoni billi tiċċara l-kwistjonijiet ta' liġi invokati.

1) L-eżistenza ta' "interess leġittimu"

61. Fir-rigward, qabel xejn, tat-tfittxija ta' "interess leġittimu", infakkar li r-RĠPD u l-ġurisprudenza jirrikonoxxu firxa wiesgħa ta' interessi kkunsidrati leġittimi[26], filwaqt li jispeċifikaw li, konformement mal-Artikolu 13(1)(d) tar-RĠPD, huwa l-kontrollur li għandu jindika l-interessi leġittimi mfittxija fil-kuntest tal-punt (f) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 6(1) tar-RĠPD.

62. SCHUFA ssostni li l-ipproċessar tad-data inkwistjoni jservi sabiex jiġu mfittxija interessi leġittimi ta' importanza kbira. B'mod iktar speċifiku, il-kumpanniji li jipprovdu informazzjoni kummerċjali jipproċessaw data neċessarja għall-evalwazzjoni tas-solvenza ta' persuni jew ta' impriżi, bil-għan li jkunu jistgħu jipprovdu din l-informazzjoni għad-dispożizzjoni tas-sħab kuntrattwali tagħhom. Dan jipproteġi wkoll l-interessi ekonomiċi tal-impriżi li jkunu jixtiequ jikkonkludu kuntratti marbuta ma' kreditu. Barra minn hekk, id-determinazzjoni tas-solvenza u l-provvista ta' informazzjoni dwar is-solvenza jikkostitwixxu l-bażi tal-kreditu u tal-kapaċità ta' funzjonament tal-ekonomija. L-attività ta' dawn il-kumpanniji tikkontribwixxi wkoll sabiex jiġu kkonkretizzati x-xewqat kummerċjali tal-persuni interessati minn tranżazzjonijiet marbuta mal-kreditu, peress li l-informazzjoni tippermetti eżami rapidu u mhux burokratiku.

63. Nikkunsidra li, bħala prinċipju, ma teżisti l-ebda raġuni oġġettiva sabiex tiġi ddubitata l-leġittimità tal-interess ta' SCHUFA li tipprovdi lill-klijenti tagħha s-servizz kummerċjali deskritt iktar 'il fuq u tal-interess tal-klijenti ta' SCHUFA li jirrikorru għas-servizzi tagħha sabiex jevalwaw is-solvenza tas-sħab kummerċjali potenzjali fis-sens indikat. Għalkemm huwa veru li l-provvista ta' dan it-tip ta' servizzi għandha l-għan li tinkiseb remunerazzjoni u, għaldaqstant, tikkostitwixxi mudell ekonomiku ta' kumpannija privata, xorta jibqa' l-fatt li din iċ-ċirkustanza ma hijiex suffiċjenti, waħedha, sabiex tpoġġi f'dubju l-fatt li l-ewwel kundizzjoni prevista fil-punt (f) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 6(1) tar-RĠPD hija f'dan il-każ sodisfatta.

64. Dan huwa iktar u iktar minnu meta l-għan imfittex mis-servizz inkwistjoni huwa, essenzjalment, simili għal dak li kien previst mill-leġiżlatur tal-Unjoni meta adotta l-Artikolu 24 tar-Regolament 2015/848, li jobbliga lill-Istati Membri joħolqu u jżommu, fit-territorju tagħhom, reġistru wieħed jew iktar li fihom tiġi ppubblikata informazzjoni marbuta mal-proċeduri ta' insolvenza. Kif jirriżulta mill-premessa 76 ta' dan ir-regolament, l-għan ta' dawn ir-reġistri pubbliċi huwa li "tittejjeb l-għoti tal-informazzjoni lill-krediturі u l-qrati rilevanti u biex jipprevjenu l-ftuħ ta' proċedimenti ta' insolvenza paralleli". Jidhirli li s-servizz offrut minn SCHUFA ma għandu l-ebda għan ieħor. Il-kwistjoni dwar jekk il-paralleliżmu tas-sistemi jistax iwassal għal kunflitti legali sejra tiġi eżaminata iktar 'il quddiem. F'dan l-istadju tal-analiżi, huwa suffiċjenti li jiġi ddikjarat li, fid-dawl ta' din l-identiċità ta' għanijiet, l-ipproċessar tad-data imwettaq minn SCHUFA għandu jitqies bħala li jservi interess leġittimu fis-sens tal-punt (f) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 6(1) tar-RĠPD.

[26] Ara, f'dan ir-rigward il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Rantos fil-kawża Meta Platforms *et* (Kundizzjonijiet ġenerali għall-użu ta' network soċjali) (C-252/21, EU:C:2022:704, punt 60).

2) In-"neċessità" tal-ipproċessar sabiex jintlaħaq l-interess leġittimu

65. Fir-rigward tal-kundizzjoni marbuta man-neċessità tal-ipproċessar tad-data personali sabiex jintlaħaq l-interess leġittimu mfittex, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, id-derogi u r-restrizzjonijiet għall-prinċipju tal-protezzjoni tad-data personali għandhom isiru biss sa fejn ikunu strettament neċessarji[27]. Għaldaqstant għandu jkun hemm rabta mill-qrib bejn l-ipproċessar u l-interess imfittex, fl-assenza ta' soluzzjonijiet iktar rispettużi fir-rigward tal-protezzjoni tad-data personali, peress li ma huwiex suffiċjenti li l-ipproċessar jippreżenta sempliċi utilità għall-kontrollur.

66. F'dan ir-rigward, jeħtieġ li jintwera li l-irkupru tad-data personali marbuta mal-insolvenza li toriġina minn reġistri pubbliċi u l-ħażna privata tagħha jikkostitwixxu l-unika possibbiltà għal SCHUFA li toffri din l-informazzjoni speċifika lill-klijenti tagħha għal finijiet kummerċjali. Ma jistax jiġi eskluż li SCHUFA għandha l-possibbiltà li toffri s-servizz kummerċjali u tipprovdi informazzjoni dwar is-solvenza ta' persuni, billi tirrikorri għal data disponibbli oħra. Hija l-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika jekk din il-possibbiltà tippermettix lil SCHUFA toffri b'mod utli dan is-servizz kummerċjali lill-klijenti tagħha.

67. SCHUFA tikkunsidra li l-ipproċessar tad-data huwa neċessarju. Fl-opinjoni tagħha, kieku kumpannija li tipprovdi informazzjoni kummerċjali kellha toqgħod tistenna talba konkreta qabel ma tibda tiġbor id-data, ikun impossibbli li tipprovdi informazzjoni b'mod spedit. SCHUFA tikkunsidra li l-fatt li d-data tkun (ukoll) aċċessibbli għall-pubbliku matul ċertu ħin bl-ebda mod ma jinċidi fuq l-interessi leġittimi tal-kumpanniji li jipprovdu informazzjoni kummerċjali u lanqas fuq in-neċessità tal-ipproċessar.

68. Kieku l-ħażna tad-data personali li toriġina minn reġistri pubbliċi ma kinitx neċessarja sabiex tippermetti lil SCHUFA toffri s-servizz kummerċjali tagħha lill-klijenti tagħha, dan l-ipproċessar ma setgħax ikun legali abbażi tal-punt (f) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 6(1) tar-RĠPD. Għall-kuntrarju, kieku kienet issodisfatta t-tieni kundizzjoni ta' din id-dispożizzjoni, il-qorti tar-rinviju kien ikollha teżamina wkoll it-tielet u l-aħħar kundizzjoni kumulattiva tal-imsemmija dispożizzjoni.

3) Ibbilanċjar tad-diversi interessi inkwistjoni

69. Fl-aħħar, fir-rigward tal-ibbilanċjar, minn naħa, tal-interessi tal-kontrollur u, min-naħa l-oħra, tal-interessi jew tal-libertajiet fundamentali u tad-drittijiet fundamentali tas-suġġett tad-data, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, hija l-qorti tar-rinviju li għandha twettaq ibbilanċjar bejn l-interessi inkwistjoni[28]. F'dan ir-rigward, il-Linji gwida tal-grupp ta' ħidma "l-Artikolu 29", li sar il-"Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data", li l-missjonijiet tiegħu huma ddefiniti fl-Artikolu 70 tar-RĠPD, jelenkaw il-kriterji li ġejjin li għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni waqt dan l-ibbilanċjar: i) l-evalwazzjoni tal-interess leġittimu tal-kontrollur; ii) l-effett fuq is-suġġetti tad-data; iii) l-eżami provviżorju u iv) il-garanziji addizzjonali implimentati mill-kontrollur bil-għan li jiġi evitat kull effett mhux ġustifikat fuq is-suġġetti tad-data[29].

[27] Ara s-sentenzi tal-4 ta' Mejju 2017, Rīgas satiksme (C-13/16, EU:C:2017:336, punt 30) u tas-17 ta' Ġunju 2021, M.I.C.M. (C-597/19, EU:C:2021:492, punt 110).

[28] Sentenzi tal-4 ta' Mejju 2017, Rīgas satiksme (C-13/16, EU:C:2017:336, punt 31), u tas-17 ta' Ġunju 2021, M.I.C.M. (C-597/19, EU:C:2021:492, punt 111).

[29] Opinjoni 06/2014 dwar il-kunċett ta' interess leġittimu mfittex mill-kontrollur tad-data fis-sens tal-Artikolu 7 tad-Direttiva 95/46/KE, WP217 tad-9 ta' April 2014, Titolu III.3.4 ("Fatturi ewlenin li għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni għall-applikazzjoni tal-kriterju ta' ibbilanċjar").

Fl-interess ta' analiżi ddettaljata u loġika, nipproponi li jiġu applikati dawn il-kriterji għall-kawżi prinċipali. Tali approċċ jikkontribwixxi barra minn hekk għal applikazzjoni iktar koerenti tar-RĠPD, konformement mal-għanijiet previsti mil-leġiżlatur tal-Unjoni.

i) Evalwazzjoni tal-"interess leġittimu" tal-kontrollur

70. Fir-rigward tal-ewwel kriterju, hemm lok li jiġi kkonstatat li l-interess, kemm ta' SCHUFA kif ukoll tal-klijenti tagħha, huwa *ta' natura purament ekonomika*. Il-kumpanniji privati jaħżnu data personali meħuda minn reġistri pubbliċi bil-ħsieb li joffru lill-klijenti tagħhom is-servizz li jikkonsisti fil-provvista ta' informazzjoni dwar is-solvenza tas-suġġett tad-data billi jinqdew b'mod partikolari b'din id-data. Kif diġà spjegajt preċedentement [30], tali interess jidhirli li huwa leġittimu għall-finijiet ta' din l-analiżi.

ii) Effett tal-ipproċessar fuq is-suġġetti tad-data

71. Fir-rigward tat-tieni kriterju, jiġifieri l-effett tal-ipproċessar fuq is-suġġett tad-data, *it-terminu għat-tħassir* jidher li huwa l-fattur rilevanti. Iktar ma jkun twil il-perijodu tal-ħażna tad-data f'databases tal-kumpanniji privati li jipprovdu informazzjoni kummerċjali, iktar ikunu kbar il-konsegwenzi fuq is-suġġett tad-data. F'dan il-każ, id-data personali tar-rikorrenti fil-kawża prinċipali ġiet ipproċessata fir-reġistru pubbliku sabiex "tittejjeb l-għoti tal-informazzjoni lill-krediturі u l-qrati rilevanti u biex jipprevjenu l-ftuħ ta' proċedimenti ta' insolvenza paralleli", kif tirrikjedi l-premessa 76 tar-Regolament 2015/848. Waqt l-ibbilanċjar tad-diversi interessi, il-leġiżlatur Ġermaniż ikkunsidra li l-perijodu li matulu kienet neċessarja l-pubblikazzjoni tad-data marbuta ma' proċedura ta' insolvenza f'tali reġistri pubbliċi sabiex jintlaħaq dan l-għan kien ta' sitt xhur. Għaldaqstant, jidher *a priori* li l-ħażna ta' data personali lil hinn minn dan il-perijodu ta' sitt xhur *a priori*, għandha effett negattiv kunsiderevoli fuq is-suġġett tad-data.

72. Mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li jeżistu fatturi oħrajn li għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni fil-kuntest tal-analiżi, jiġifieri *l-modalitajiet ta' aċċess għad-databases* kif ukoll *il-faċilitajiet offruti għall-finijiet tad-diffużjoni tad-data personali* [31]. Fi kliem sempliċi, iktar ma l-informazzjoni tkun faċilment aċċessibbli għall-pubbliku, iktar ikun gravi l-indħil fid-drittijiet fundamentali tas-suġġett tad-data. Dan huwa partikolarment minnu meta n-*numru ta' utenti* li għandhom aċċess għad-data tas-suġġett tad-data jkun kbir [32]. Għaldaqstant, jidhirli li huwa evidenti li, anki jekk id-data tkun diġà disponibbli f'reġistri pubbliċi matul l-imsemmi perijodu ta' sitt xhur, il-fatt li din tinħażen u tkun disponibbli b'mod parallel fid-databases tal-kumpanniji privati li jipprovdu informazzjoni kummerċjali għandu effett addizzjonali fuq il-ħajja privata tal-individwu, li jiżdied mal-konsegwenzi negattivi tad-disponibbiltà ta' din id-data fir-reġistri pubbliċi.

73. Fattur addizzjonali li għandu jittieħed inkunsiderazzjoni fl-analiżi hija *n-natura possibbilment sensittiva tad-data* inkwistjoni [33]. Jista' jiġi kkonfermat, b'mod ġenerali, li l-effett fuq is-suġġett tad-data jiżdied skont is-sensittività tad-data personali. F'dan ir-rigward, jeħtieġ jiġi nnotat li mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li d-data personali marbuta mal-irkupru ta'

[30] Ara l-punti 61 sa 63 ta' dawn il-konklużjonijiet.

[31] Sentenzi tat-13 ta' Mejju 2014, Google Spain u Google (C-131/12, EU:C:2014:317, punti 86 u 87), u tal-11 ta' Diċembru 2019, Asociația de Proprietari bloc M5A-ScaraA (C-708/18, EU:C:2019:1064, punt 57).

[32] Sentenza tal-1 ta' Awwissu 2022, Vyriausioji tarnybinės etikos komisija (C-184/20, EU:C:2022:601, punt 92).

[33] Sentenza tal-11 ta' Diċembru 2019, Asociația de Proprietari bloc M5A-ScaraA (C-708/18, EU:C:2019:1064, punt 57).

djun hija effettivament data sensittiva għall-ħajja privata tas-suġġett tad-data [34]. Għaldaqstant, it-tqegħid għad-dispożizzjoni ta' dan it-tip ta' data għal *numru bħala prinċipju illimitat ta' utenti* għandu jitqies bħala ndħil kbir fid-drittijiet fundamentali ta' din il-persuna [35].

74. Fl-aħħar, jidhirli li huwa indispensabbli li jittieħed inkunsiderazzjoni wkoll il-*fattur tal-ħin*. Fil-fatt, anki pproċessar legali ta' data jista' ma jibqax konformi mar-RĠPD mal-mogħdija taż-żmien meta din id-data ma tkunx jew ma tibqax rilevanti jew hija eċċessiva meta mqabbla mal-finalità li għaliha ġiet oriġinarjament miġbura. Minn din il-perspettiva, insaqsi lili nnifsi bis-serjetà kif il-ħażna ta' data personali tista' tkun iġġustifikata għal perijodu ta' tliet snin meta l-leġiżlatur nazzjonali jikkunsidra li perijodu ta' ħażna ta' sitt xhur, jiġifieri perijodu ħafna iqsar, huwa ampjament suffiċjenti sabiex jitħarsu l-interessi kummerċjali tal-operaturi ekonomiċi. Nikkonstata li SCHUFA ma kinitx f'pożizzjoni li tagħti risposta ċara u konvinċenti għal din il-mistoqsija [36] minkejja li hija obbligata, skont l-Artikolu 5(2) tar-RĠPD, li turi li ġew osservati l-prinċipji marbuta mal-ipproċessar tad-data personali [37].

iii) Eżami provviżorju

75. Evalwazzjoni tal-elementi kollha msemmija fil-punti preċedenti twassalni sabiex nikkonkludi li l-konsegwenzi negattivi kunsiderevoli li l-ħażna tad-data jkollha fuq is-suġġett tad-data wara l-perijodu ta' sitt xhur inkwistjoni jidhru li jaffettwaw l-interess kummerċjali tal-kumpannija privata u tal-klijenti tagħha li jaħżnu d-data wara dan il-perijodu. F'dan il-kuntest, huwa importanti li jiġi enfasizzat li r-rilaxx minn dejn li ma tħallasx lura huwa intiż li *jippermetti lill-benefiċjarju li jipparteċipa mill-ġdid fil-ħajja ekonomika* [38]. Ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali u l-Kummissjoni wkoll ġibdu l-attenzjoni dwar dan l-aspett waqt is-seduta. Issa, dan l-għan kien ikun innewtralizzat kieku kumpanniji privati li jipprovdu informazzjoni kummerċjali kienu awtorizzati jaħżnu data personali fid-databases tagħhom wara li din id-data tkun tħassret mir-reġistru pubbliku.

iv) Garanziji addizzjonali

76. Fl-aħħar, fir-rigward tal-garanziji addizzjonali possibbilment implimentati mill-kontrollur sabiex jipprevjeni kull effett mhux ġustifikat fuq is-suġġetti tad-data, xejn fid-deċiżjoni tar-rinviju jew fl-osservazzjonijiet ta' SCHUFA ma jippermetti li jiġu nnotati garanziji bħal dawn.

[34] Sentenza tat-13 ta' Mejju 2014, Google Spain u Google (C-131/12, EU:C:2014:317, punt 98).

[35] Ara s-sentenza tat-22 ta' Novembru 2022, Luxembourg Business Registers (C-37/20 u C-601/20, EU:C:2022:912, punti 39 sa 42), li fiha l-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat it-tqegħid għad-dispożizzjoni tal-pubbliku ġenerali informazzjoni dwar il-benefiċjarji effettivi tal-kumpanniji u entitajiet legali oħrajn bħala ksur tad-drittijiet iggarantiti mill-Artikoli 7 u 8 tal-Karta. Fir-raġunament tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja ħadet inkunsiderazzjoni n-natura sensittiva tad-data personali inkwistjoni kif ukoll il-fatt li l-informazzjoni kienet aċċessibbli għal numru potenzjalment illimitat ta' persuni.

[36] Waqt is-seduta, SCHUFA għamlet riferiment għall-fatt li ċerti persuni kienu jerġgħu jsiru insolventi, fatt li, skont din il-kumpannija, kien iġġustifika perijodu ta' ħażna ta' tliet snin.

[37] Gutowski, M., "OLG Schleswig: Eintragung erfolgter Restschuldbefreiung in Datenbanken von Auskunfteien über die Löschungsfrist für das Insolvenzbekanntmachungsportal hinaus", *Neue Zeitschrift für Insolvenz- und Sanierungsrecht*, 18/2021, p. 799, jesprimi dubji dwar l-utilità li tiġi prevista l-ħażna ta' data ta' persuna għal tliet snin bil-għan li tiġi ddeterminata s-sitwazzjoni ekonomika tagħha.

[38] Ara, f'dan is-sens, Heyer, H.-U., "Schein-Datenschutz", *Zeitschrift für Verbraucher-, Privat- und Nachlassinsolvenz*, 2019, p. 46.

4) Konklużjoni intermedjarja

77. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nikkunsidra li l-ħażna tad-data minn kumpannija privata li tipprovdi informazzjoni kummerċjali ma tistax tkun legali abbażi tal-punt (f) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 6(1) tar-RĠPD sa mill-mument li fih id-data personali marbuta ma' insolvenza tkun tħassret mir-reġistri pubbliċi.

78. Fir-rigward tal-perijodu ta' sitt xhur li matulu d-data personali tkun disponibbli wkoll fir-reġistri pubbliċi, hija l-qorti tar-rinviju li għandha tibbilanċja l-interessi u l-effetti fuq is-suġġett tad-data msemmija iktar 'il fuq, bil-għan li tistabbilixxi jekk il-ħażna parallela ta' din id-data minn kumpanniji privati li jipprovdu informazzjoni kummerċjali hijiex legali abbażi tal-punt (f) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 6(1) tar-RĠPD.

b) Fuq il-konformità mal-prinċipji ta' limitazzjoni tal-fini u ta' minimizzazzjoni tad-data (l-Artikolu 5(1)(b) u (c) tar-RĠPD)

79. Konformement mal-prinċipju ta' limitazzjoni tal-fini, stabbilit fl-Artikolu 5(1)(b) tar-RĠPD, jeħtieġ li jiġi żgurat li d-data personali miġbura għal fini partikolari ma tiġix ipproċessata ulterjorment b'mod inkompatibbli ma' dawk il-finijiet. F'dan il-każ, id-data marbuta mal-insolvenza u ma' rilaxx minn dejn li ma tħallasx lura ġiet ipproċessata minn awtoritajiet pubbliċi fil-kuntest tal-eżekuzzjoni ta' obbligi legali.

80. Madankollu, fir-rigward tal-użu ulterjuri tad-data minn kumpannija privata, jeħtieġ li jiġi eżaminat, fid-dawl tar-RĠPD u b'applikazzjoni tal-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 6(4) ta' dan ir-regolament, jekk il-fini prevista hijiex kompatibbli mal-fini inizjali. Il-punti (a), (b) u (d) ta' din id-dispożizzjoni huma partikolarment rilevanti f'din il-kawża. Dawn jistabbilixxu l-kriterji li ġejjin: (i) ir-rabta bejn il-fini inizjali u l-fini ulterjuri; (ii) il-kuntest li fih ġiet miġbura d-data u, b'mod partikolari, ir-relazzjoni bejn is-suġġetti tad-data u l-kontrollur, kif ukoll (iii) il-konsegwenzi possibbli tal-ipproċessar ulterjuri previst għas-suġġett tad-data.

81. Fl-ewwel lok, jidher li *r-rabta bejn il-finijiet hija miżmuma*, għas-sempliċi fatt li l-fini inizjali hija prevista mil-liġi, b'mod iktar konkret mid-dritt tal-Unjoni li jimponi fuq l-Istati Membri l-obbligu li joħolqu u li jżommu reġistri[39], u li l-kontrollur huwa awtorità pubblika li taġixxi fil-kuntest tal-missjonijiet imposti fuqha bil-liġi, filwaqt li l-fini ulterjuri hija mfittxija minn entità privata, fil-kuntest ta' attività kummerċjali li tikkonsisti fil-provvista ta' informazzjoni ekonomika dwar il-persuni.

82. Fit-tieni lok, fir-rigward tal-kuntest li fih inġabret id-data, hemm lok li jiġi kkonstatat li *ma teżisti l-ebda rabta bejn il-kontrollur u s-suġġett tad-data*, peress li l-ġbir tad-data jsir indirettament permezz ta' reġistri u li għaldaqstant, is-suġġett tad-data la jkun konxju mill-fatt li d-data tiegħu tista' tintuża ulterjorment, la minn min, u lanqas għal-liema fini. Dan l-aspett jidhirli li huwa partikolarment gravi mill-perspettiva tal-protezzjoni tad-data personali, peress li, bħala regola ġenerali, persuna ma tistax raġonevolment tistenna li d-data tagħha sejra tiġi pproċessata ulterjorment[40]. Il-fatt li l-liġi tipprevedi terminu determinat għall-ħażna tad-data fir-reġistri pubbliċi jista' raġonevolment jagħti x'jifhem li d-data inkwistjoni sejra titħassar wara l-iskadenza ta' dan il-perijodu.

[39] Ara l-punt 31 ta' dawn il-konklużjonijiet.

[40] Ara s-sentenza tal-11 ta' Diċembru 2019, Asociația de Proprietari bloc M5A-ScaraA (C-708/18, EU:C:2019:1064, punt 58).

83. Fit-tielet lok, fir-rigward tal-konsegwenzi possibbli li l-ipproċessar ulterjuri tad-data jista' jkollu għas-suġġetti tad-data, jeħtieġ li jiġi enfasizzat li l-informazzjoni marbuta mal-proċeduri ta' insolvenza dejjem tintuża bħala *fattur negattiv waqt evalwazzjoni futura tas-solvenza u tal-kapaċità tal-ħlas* tal-persuna fiżika kkonċernata, fatt li jinċidi b'mod qawwi fuq id-drittijiet ta' din il-persuna. Immaġni falza tas-sitwazzjoni ekonomika tagħha tista' tipproduċi effetti sfavorevoli għas-suġġett tad-data, billi tikkomplika b'mod kunsiderevoli l-eżerċizzju tal-libertajiet tiegħu, u anki billi tistigmatizzah fil-kumpannija. Sa fejn is-suġġett tad-data jista' jġarrab ċaħda ta' oġġetti u ta' servizzi, huwa jista' jkun vittma ta' diskriminazzjoni inġustifikata.

84. Fid-dawl ta' dawn it-tliet kriterji, li għandhom jiġu ssodisfatti sabiex l-użu tad-data personali tkun konformi mal-fini inizjali, kif jirrikjedi l-Artikolu 6(4) tar-RĠPD, jidhirli li huwa dubjuż li l-użu ulterjuri ta' din id-data jista' jkun konformi ma' din il-fini.

85. Barra minn hekk, jeħtieġ li jiġi rrilevat li, billi ffissa għal sitt xhur it-terminu massimu li matulu s-sitwazzjoni ta' insolvenza u d-deċiżjoni ġudizzjarja marbuta mar-rilaxx minn dejn li ma tħallasx lura jiġu ppubblikati jekk jiġu ssodisfatti l-kundizzjonijiet legali, *il-leġiżlatur nazzjonali diġà ħa inkunsiderazzjoni l-kisba tal-interess pubbliku* u bbilanċja l-interess tal-kredituri, minn naħa, u l-interessi kif ukoll id-drittijiet tal-persuni insolventi, min-naħa l-oħra [41]. L-ipproċessar ta' data personali minn kumpanniji privati matul perijodu ta' sitt darbiet itwal minn dak previst mil-liġi għar-reġistri pubbliċi *jidher eċċessiv u jippenalizza de facto lis-suġġett tad-data, meta l-liġi b'mod ċar ma tipprevedi xejn minn dan*. Fil-fatt, kif diġà rrilevajt, ir-rilaxx mogħti minn dejn li ma tħallasx lura huwa intiż li jippermetti lill-benefiċjarju jipparteċipa mill-ġdid fil-ħajja ekonomika. Issa, dan l-għan jiġi nnewtralizzat kieku kumpanniji privati li jipprovdu informazzjoni kummerċjali kienu awtorizzati jaħżnu data personali fid-databases tagħhom wara li dawn ikunu tħassru mir-reġistru pubbliku [42]. Fl-assenza ta' prova kuntrarja, hemm tħassib li l-kundizzjonijiet ta' aċċess għad-database setgħu ġew iddiżinjati bil-ħsieb li tiġi *evitata l-leġiżlazzjoni nazzjonali*, adottata mill-Istat Membru bil-għan li jiġu sodisfatti l-obbligi imposti fuqu mid-dritt tal-Unjoni [43].

86. Barra minn hekk, jidher li huwa sproporzjonat li "tintuża mill-ġdid" sitwazzjoni fil-passat u diġà ċċarata fuq il-livell legali, bħar-rilaxx minn dejn li ma tħallasx lura, f'evalwazzjonijiet futuri, minflok jintużaw fatturi attwalizzati għall-mument tal-analiżi tar-riskji sabiex tiġi ggarantita evalwazzjoni iktar preċiża u oġġettiva tas-sitwazzjoni ekonomika tas-suġġett tad-data. Fil-fatt, jista' jiġi mistħarreġ *il-valur ta' informazzjoni marbuta mas-sitwazzjoni ekonomika ta' persuna li tmur lura diversi snin*. Data personali marbuta ma' ċirkustanza li tmur lura ċertu żmien ftit li xejn tipprovdi informazzjoni affidabbli dwar is-sitwazzjoni ekonomika attwali tas-suġġett tad-data. Il-leġiżlatur Ġermaniż jidher li rrikonoxxa din il-problema u silet minnha l-konklużjonijiet adatti billi għażel perijodu ta' ħażna tad-data kunsiderevolment iqsar.

87. Fl-aħħar, il-mod kif jipproċedu l-kumpanniji li jipprovdu informazzjoni kummerċjali jidhirli li jmur kontra l-prinċipju tal-minimizzazzjoni tad-data stabbilit fl-Artikolu 5(1)(c) tar-RĠPD, li skontu d-data personali għandha tkun adegwata, rilevanti u limitata għal dak li huwa neċessarju fid-dawl tal-finijiet li għalihom din ġiet ipproċessata. F'dan ir-rigward, effettivament tqum

[41] L-argument imressaq minn SCHUFA waqt is-seduta li skontu l-leġiżlatur Ġermaniż ma għamel xejn sabiex iqassar it-terminu ta' tliet snin applikat minn din il-kumpannija privata ma jidhirx li jġib fix-xejn din il-konstatazzjoni. Fil-fatt, jista' jkun hemm diversi raġunijiet għaliex l-Istat Membru għadu ma indirizzax il-problema marbuta mad-databases paralleli. L-għan tat-talbiet għal deċiżjoni preliminari magħmula mill-qorti tar-rinviju huwa speċifikament dak li ssib risposti għal din il-problema bil-għan li toħloq sitwazzjoni konformi mar-rekwiżiti tar-RĠPD.

[42] Ara l-punt 75 ta' dawn il-konklużjonijiet.

[43] Ehmann, E., "Bundesdatenschutzgesetz", Simitis, S., Hornung, G., Spiecker, I (edituri), *Datenschutzrecht – DSGVO mit BDSG*, it-tmien edizzjoni, Baden-Baden, 2014, § 29, punt 192, iqis li ma jeżisti l-ebda interess leġittimu għad-diffużjoni ta' data personali minn database ġestita minn kumpannija privata meta t-terminu previst mil-leġiżlazzjoni nazzjonali għall-pubblikazzjoni tagħhom minn reġistru pubbliku skada peress li inkella l-għan leġiżlattiv jiġi nnewtralizzat.

il-kwistjoni dwar *x'inhu s-sens li titqiegħed għad-dispożizzjoni data personali li hija diġà aċċessibbli għall-pubbliku* fir-reġistri maħluqa mill-Istati Membri. Tali attività pjuttost jidhirli li tista' twassal għal diffużjoni ta' informazzjoni sensittiva li ma hijiex bilfors neċessarja sabiex jintlaħqu l-interessi kummerċjali tal-operaturi ekonomiċi [44].

88. Għar-raġunijiet esposti iktar 'il fuq, nikkunsidra li l-ħażna ta' din id-data minn kumpannija privata li tipprovdi informazzjoni kummerċjali ma tikkostitwixxix prattika konformi mal-prinċipji ta' limitazzjoni tal-finijiet u ta' minimizzazzjoni tad-data, stabbiliti rispettivament fil-punti (b) u (c) tal-Artikolu 5(1) tar-RĠPD.

c) Konklużjoni intermedjarja

89. L-analiżi preċedenti twassalni għall-konklużjoni li l-prassi tal-kumpanniji li jipprovdu informazzjoni kummerċjali, li tikkonsisti fil-ħażna ta' data personali li toriġina minn reġistri pubbliċi għal perijodu ta' tliet snin, ma hijiex konformi mal-prinċipji li jirregolaw l-ipproċessar tad-data personali stabbiliti fir-RĠPD. Madankollu, jeħtieġ li jiġi speċifikat li din il-konklużjoni hija bbażata fuq evalwazzjoni tal-fatti, li finalment għandha ssir mill-qorti tar-rinviju, li hija msejħa li tiddeċiedi l-kawża.

2. Fuq ir-rikors għad-dritt għat-tħassir (l-Artikolu 17(1) tar-RĠPD)

90. Il-qorti tar-rinviju tixtieq tkun taf ukoll jekk id-"dritt li wieħed jintesa" stabbilit fl-Artikolu 17 tar-RĠPD jimplikax li d-data personali għandha tiġi mħassra mid-databases ta' kumpannija privata li tipprovdi informazzjoni kummerċjali li jeżistu b'mod parallel mar-reġistri pubbliċi u li fihom l-istess data. Il-qorti tar-rinviju tagħmel distinzjoni bejn il-perijodu li matulu d-data personali tkun disponibbli wkoll fir-reġistru pubbliku u l-perijodu li matulu din id-data ma tkunx għadha disponibbli fih.

91. L-Artikolu 17(1)(d) tar-RĠPD jipprovdi għal *dritt assolut* tas-suġġett tad-data li d-data personali tiegħu tiġi mħassra meta din tkun ġiet ipproċessata illegalment [45]. Konsegwentement, fil-każ li fih, fid-dawl tal-konklużjoni li wasalt għaliha fil-kuntest tal-analiżi tiegħi [46], il-qorti tar-rinviju kellha tqis li SCHUFA ma setgħetx tipproċessa d-data personali tar-rikorrenti b'mod legali abbażi tal-punt (f) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 6(1) tar-RĠPD, tali pproċessar ikun illegali jekk ma tkun tapplika l-ebda raġuni oħra prevista fl-Artikolu 6(1) tar-RĠPD. F'każ bħal dan, SCHUFA tkun obbligata tħassar id-data personali tar-rikorrenti u dawn tal-aħħar ikollhom dritt f'dan is-sens, u dan indipendentement mill-fatt li dawn tal-aħħar talbu li titħassar id-data fil-perijodu ta' qabel jew ta' wara t-tħassir ta' din id-data mir-reġistru pubbliku. Tali riżultat jidher li huwa wkoll konformi mar-rekwiżiti tal-Artikolu 5(1)(e) tar-RĠPD, li jipprovdi li d-data personali għandha "tinżamm f'forma li tippermetti l-identifikazzjoni tas-suġġetti tad-data *għal mhux aktar żmien milli jkun meħtieġ għall-finijiet li għalihom id-data personali tkun qed tiġi pproċessata*" (korsiv miżjud minni).

[44] Ara s-sentenza tal-1 ta' Awwissu 2022, Vyriausioji tarnybinės etikos komisija (C-184/20, EU:C:2022:601, punt 93), li minnha jirriżulta li l-kundizzjoni marbuta man-"neċessità tal-ipproċessar" għandha tiġi eżaminata b'mod konġunt mal-prinċipju msejjaħ ta' "minimizzazzjoni tad-data".

[45] Dix, A., *Datenschutzrecht - DSGVO mit BDSG*, Simitis, S., Hornung, G., Spiecker, I (edituri), Baden-Baden, 2018, l-Artikolu 17, punt 14.

[46] Ara l-punt 77 ta' dawn il-konklużjonijiet.

92. F'dan ir-rigward, niġbed l-attenzjoni dwar l-Artikolu 79(5) tar-Regolament 2015/848, li juri l-importanza li l-leġiżlatur tal-Unjoni ta lid-dritt għat-tħassir, b'mod partikolari meta l-awtoritajiet jipproċessaw data personali partikolarment sensittiva bħal dik marbuta mas-solvenza tas-suġġetti tad-data. Konformement ma' din id-dispożizzjoni "[b]ħala parti mill-informazzjoni li għandha tingħata lis-suġġetti tad-data *sabiex ikunu jistgħu jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom, u b'mod partikolari d-dritt għat-tħassir tad-data*, l-Istati Membri għandhom jinfurmaw lis-suġġetti tad-data dwar il-perjodu ta' aċċessibbilità stabbilit għad-data personali maħżuna f'reġistri ta' insolvenza" (korsiv miżjud minni). Il-leġiżlatur tal-Unjoni rrikonoxxa b'mod ċar in-neċessità li titħassar din it-tip ta' data meta l-ħażna tagħha ma tkunx għadha iktar iġġustifikata.

93. Minkejja li t-talbiet għal deċiżjoni preliminari jirrigwardaw l-interpretazzjoni tal-Artikolu 17(1)(d) tar-RĠPD, nikkunsidra li l-punt (c) ta' dan il-paragrafu 1 jista' jirriżulta daqstant ieħor rilevanti għall-finijiet tas-sentenza li għandha tingħata f'dawn il-kawżi, jiġifieri fil-każ li fih il-qorti tar-rinviju kellha tqis, għall-kuntrarju tal-konklużjoni li wasalt għaliha jiena fuq il-bażi tal-informazzjoni disponibbli, li SCHUFA setgħet tipproċessa d-data personali tar-rikorrenti b'mod legali skont il-punt (f) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 6(1) tar-RĠPD. Din id-dispożizzjoni tipprovdi għad-dritt għat-tħassir tad-data personali meta s-suġġett tad-data joġġezzjona għall-ipproċessar skont l-Artikolu 21(1) tar-RĠPD u meta ma tkun teżisti l-ebda raġuni leġittima prevalenti għall-ipproċessar. Din il-formulazzjoni timplika li kull "raġuni leġittima prevalenti għall-ipproċessar" tikkostitwixxi eċċezzjoni għad-dritt tas-suġġett tad-data li joġġezzjona għall-ipproċessar u li jikseb it-tħassir tad-data personali tiegħu. Konsegwentement, is-suġġett tad-data huwa preżunt li għandu għad-dispożizzjoni tiegħu dritt li joġġezzjona għall-ipproċessar u dritt għat-tħassir kemm-il darba ma jkunux jeżistu raġunijiet leġittimi prevalenti[47].

94. Nikkunsidra li, fl-interess tal-protezzjoni effettiva tad-data personali, ma għandux ikun hemm ostakoli importanti għall-eżerċizzju tad-dritt għat-tħassir, u b'mod partikolari meta jeżistu fis-suq diversi kumpanniji li jipprovdu informazzjoni kummerċjali li jaħżnu data b'mod parallel fir-reġistru pubbliku. Jekk l-eżerċizzju ta' dan id-dritt kellu jsir eċċessivament diffiċli minħabba interpretazzjoni stretta tal-Artikolu 17(1) tar-RĠPD, ikun hemm ir-riskju li l-protezzjoni li r-RĠPD huwa intiż li joffri tiġi evitata mill-kompetituri. Issa, jeħtieġ li jitfakkar li l-leġiżlatur tal-Unjoni kellu l-għan li "[jiżgura] *applikazzjoni konsistenti u omoġenea* tar-regoli għall-protezzjoni tad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali fl-Unjoni kollha" (korsiv miżjud minni), kif jirriżulta mill-premessa 10 tar-RĠPD. Għaldaqstant, is-suġġett tad-data għandu jkun f'pożizzjoni li jasserixxi d-drittijiet tiegħu fil-konfront tal-kumpanniji kollha li jiksru dawn ir-regoli. Ġaladarba SCHUFA hija biss waħda minn għadd kbir ta' kumpanniji kbar li jipprovdu informazzjoni kummerċjali fil-Ġermanja, sejjer ikun neċessarju li jiġi stabbilit jekk il-ħażna tad-data personali b'mod parallel fir-reġistru pubbliku tikkostitwixxix prassi mifruxa fost l-imsemmija kumpanniji.

95. Għaldaqstant, jeħtieġ li jiġi ddikjarat f'dan l-istadju tal-analiżi li r-rikorrenti jistgħu, bħala prinċipju, jipprevalixxu ruħhom minn dritt għat-tħassir, skont l-Artikolu 17(1) tar-RĠPD. Ir-riżultat ikun differenti biss fil-każ li fih kumpannija privata li tipprovdi informazzjoni kummerċjali jkun irnexxielha "[tipprovdi] raġunijiet leġittimi konvinċenti għall-ipproċessar li jegħlbu l-interessi, id-drittijiet u l-libertajiet tas-suġġett tad-data", fis-sens tal-Artikolu 21(1)

[47] Kranenborg, H., Artikolu 17. Right to erasure ("right to be forgotten"), *The EU General Data Protection Regulation (GDPR)*, Kuner, C., Bygrave, L. A., Docksey, C., Drechsler, L. (edituri), Oxford, 2020, p. 481, jispjega li l-Artikolu 21(1) tar-RĠPD għandu l-għan li jikkonfuta l-oneru tal-prova, b'tali mod li l-kontrollur tad-data, minflok is-suġġett tad-data, għandu juri r-raġunijiet leġittimi prevalenti sabiex jiġġustifika l-ipproċessar. Jekk dan il-kontrollur ma jirnexxilux, id-data inkwistjoni jkollha titħassar.

tar-RĠPD. Sa fejn l-informazzjoni disponibbli ma tippermettix li jiġu nnotati raġunijiet prevalenti li jistgħu jirriżultaw fit-tilwima fil-kawża prinċipali, hija l-qorti tar-rinviju li għandha tistabbilixxi l-fatti u, fejn xieraq, twettaq ibbilanċjar tal-interessi inkwistjoni.

96. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, l-Artikolu 17(1)(d) tar-RĠPD għandu jiġi interpretat fis-sens li *s-suġġett tad-data għandu d-dritt li jikseb mingħand il-kontrollur it-tħassir, kemm jista' jkun malajr, tad-data personali li tikkonċernah* meta din id-data tkun ġiet suġġetta għal ipproċessar illegali konformement mal-Artikolu 6(1) ta' dan ir-regolament. L-Artikolu 17(1)(c) tar-RĠPD għandu jiġi interpretat fis-sens li s-suġġett tad-data, bħala prinċipju, għandu dritt jikseb mingħand il-kontrollur it-tħassir, kemm jista' jkun malajr, tad-data personali li tikkonċernah meta huwa joġġezzjona għall-ipproċessar konformement mal-Artikolu 21(1) ta' dan ir-regolament. Hija l-qorti tar-rinviju li għandha teżamina jekk jeżistux, fuq bażi eċċezzjonali, raġunijiet leġittimi prevalenti għall-ipproċessar.

3. Fuq ir-rikors għal kodiċi ta' kondotta fis-sens tal-Artikolu 40 tar-RĠPD bil-għan li jiġu previsti termini għas-superviżjoni u għat-tħassir li jmorru lil hinn mit-termini għall-ħażna previsti għar-reġistri pubbliċi

97. Il-qorti tar-rinviju tixtieq tkun taf ukoll jekk huwiex konformi mad-dritt tal-Unjoni li jkun previst, f'kodiċi ta' kondotta fis-sens tal-Artikolu 40 tar-RĠPD, termini għas-superviżjoni u għat-tħassir li jmorru lil hinn mit-termini għall-ħażna previsti għar-reġistri pubbliċi mingħajr il-ħtieġa li jitwettaq l-ibbilanċjar previst fil-punt (f) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 6(1) ta' dan ir-regolament.

98. F'dan ir-rigward, qabel xejn, jeħtieġ li jiġi osservat li, skont il-qorti tar-rinviju, attwalment ma teżisti l-ebda leġiżlazzjoni nazzjonali li tistabbilixxi t-termini għat-tħassir għad-databases miżmuma mill-kumpanniji li jipprovdu informazzjoni kummerċjali. Madankollu, jidher li l-partijiet interessati jipperċepixxu l-kodiċi ta' kondotta adottat b'mod konġunt mill-awtoritajiet superviżorji u l-assoċjazzjoni li tiġbor fiha l-kumpanniji li jipprovdu informazzjoni kummerċjali, bħala speċi ta' "bażi legali" ta' natura li tagħmel leġittima l-prassi deskritta iktar 'il fuq. Tali kunċett jidhirli li huwa kritikabbli fid-dritt għar-raġunijiet li ġejjin.

99. Legalment, tali kodiċi ta' kondotta jirrappreżenta biss *impenn volontarju* ta' dawk li ħejjewh u addottawh, jiġifieri tal-assoċjazzjoni msemmija iktar 'il fuq u tal-membri tagħha. Bl-istess mod, il-fatt li l-imsemmi kodiċi ta' kondotta ġie approvat minn awtorità superviżorja jfisser biss li din tal-aħħar, bħala awtorità amministrattiva, *tikkunsidra li hija marbuta minn dan il-kodiċi ta' kondotta*. Madankollu, jidhirli li huwa ċar li dan ma għandu l-ebda forza obbligatorja fil-konfront ta' terzi konformement mal-prinċipju legali "*pacta tertiis nec nocent nec prosunt*". F'każ kuntrarju, ikunu kkonċernati mhux biss il-persuni fiżiċi li d-data tagħhom hija suġġetta għal ipproċessar, iżda wkoll il-kumpanniji li pparteċipaw fit-tħejjija ta' tali kodiċi ta' kondotta.

100. Mid-definizzjoni, kodiċi ta' kondotta ma għandu l-ebda valur normattiv f'ordinament ġuridiku, iżda pjuttost huwa intiż li *jispeċifika d-dispożizzjonijiet ta' att normattiv bil-għan li jiffaċilita l-applikazzjoni tiegħu*. Din l-interpretazzjoni hija sostnuta mill-paragrafi 1 u 2 tal-Artikolu 40 tar-RĠPD, li minnhom jirriżulta li l-kodiċijiet ta' kondotta li għandhom jiġu mħejjija mill-assoċjazzjonijiet u minn korpi oħrajn li jirrappreżentaw kategoriji ta' kontrolluri u terzi kontrolluri huma maħsuba, minn naħa, biex "*jikkontribwixxu* għall-applikazzjoni xierqa" u, min-naħa l-oħra, biex "*jispeċifikaw* [il-modalitajiet ta'] applikazzjoni" ta' dan ir-regolament (korsi miżjud minni). Għaldaqstant, sa fejn il-funzjoni tal-kodiċi ta' kondotta inkwistjoni hija limitata sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni korretta tar-RĠPD f'settur determinat, ma tistax tikkostitwixxi,

waħedha, l-bażi legali li tiġġustifika pproċessar ta' data personali [48].

101. Il-bażi legali li tiġġustifika tali pproċessar tista' tinstab biss fl-Artikolu 6 tar-RĠPD jew, jekk teżisti klawżola ta' ftuħ applikabbli, fid-dritt nazzjonali. F'dawn il-konklużjonijiet indikajt li l-Artikolu 6 tar-RĠPD jipprovdi għal lista eżawrjenti u limitattiva ta' każijiet li fihom ipproċessar ta' data personali jista' jitqies bħala legali [49]. Konsegwentement, ir-regoli tal-kodiċi ta' kondotta *ma jistax ikollhom l-effett li jestendu din il-lista* mingħajr ma jiksru fl-istess ħin id-dritt tal-Unjoni.

102. Issa, jidhirli dan ikun preċiżament il-każ meta, bħal f'din il-kawża, dawn ir-regoli jimponu fuq il-kumpanniji li jipprovdu informazzjoni kummerċjali l-obbligu li jaħżnu d-data tas-suġġetti għal perijodu ta' tliet snin, jiġifieri għal perijodu ta' ħin estiż li ma jistax jiġi ġġustifikat fid-dawl tal-prinċipji li jirregolaw l-ipproċessar tad-data personali stabbiliti fir-RĠPD. B'mod iktar speċifiku, kif urejt fil-kuntest tal-analiżi tiegħi, il-ħażna ta' din id-data ma tistax titqies legali abbażi tal-punt (f) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 6(1) tar-RĠPD għall-perijodu sussegwenti għat-tħassir tad-data personali marbuta ma' insolvenza, mir-reġistri pubbliċi [50].

103. Għaldaqstant, jeħtieġ li jiġi ddikjarat, f'dan l-istadju tal-analiżi, li kodiċijiet ta' kondotta li jwasslu għal *riżultat differenti* minn dak li kien jinkiseb b'applikazzjoni tal-punt (f) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 6(1) tar-RĠPD ma jistgħux jittieħdu inkunsiderazzjoni fl-ibbilanċjar imwettaq skont din id-dispożizzjoni. Bħala "kontrollur" fis-sens tal-Artikolu 4(7) tar-RĠPD, il-kumpanniji li jipprovdu informazzjoni kummerċjali ma jistgħux jinħbew wara r-regoli tal-kodiċi ta' kondotta li ħejjew huma stess sabiex jeħilsu b'mod validu mill-obbligi tagħhom li jirriżultaw minn dan ir-regolament.

104. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nikkunsidra li l-Artikolu 40(2) u (5) tar-RĠPD għandu jiġi interpretat fis-sens li kodiċijiet ta' kondotta mħejjija, konformement ma' dawn id-dispożizzjonijiet u possibbilment approvati mill-awtorità superviżorja, ma jistgħux jistabbilixxu b'mod legalment obbligatorju l-kundizzjonijiet ta' pproċessar legali ta' data personali li jkunu differenti minn dawk definiti fl-Artikolu 6(1) tar-RĠPD.

VI. Konklużjoni

105. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi kif ġej għad-domandi preliminari magħmula mill-Verwaltungsgericht Wiesbaden (il-Qorti Amministrattiva ta' Wiesbaden, il-Ġermanja):

1) L-Artikolu 78(1) tar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*),

[48] Jeħtieġ li tingħibed l-attenzjoni dwar il-fatt li l-kodiċi ta' kondotta inkwistjoni ("Verhaltensregeln für die Prüf- und Löschfristen von personenbezogenen Daten durch die deutschen Wirtschaftsauskunfteien (il-Kodiċi ta' Kondotta dwar Termini għall-Verifika u għat-Tħassir ta' Data Personali minn Kumpaniji Privati Ġermaniżi li Jipprovdu Informazzjoni Kummerċjali) tal-25 ta' Mejju 2018) jindika li r-regoli tiegħu "ma jinkludi l-*ebda regolamentazzjoni dwar il-ġustifikazzjoni materjali tal-ħażna* ta' data personali". Minn dan il-kodiċi ta' kondotta jirriżulta wkoll li "r-regolamentazzjoni tal-perijodu tal-ħażna u ta' tħassir *ma tindikax il-legalità tal-ħażna tagħhom*. Il-perijodi ta' tħassir u ta' ħażna li ġejjin japplikaw, kemm-il darba d-data sottostanti nġabret u ġiet maħżuna *fuq bażi legali* jew fuq il-bażi ta' kunsens" (korsiv miżjud minni). Fl-opinjoni tiegħi, dan juri li l-awturi tal-imsemmi kodiċi għandhom ikunu konxji mill-fatt li l-kodiċi ta' kondotta ma jikkostitwixxix bażi legali adatta sabiex jiġi leġittimizzat l-ipproċessar tad-data.

[49] Ara l-punt 59 ta' dawn il-konklużjonijiet.

[50] Ara l-punt 77 ta' dawn il-konklużjonijiet.

għandu jiġi interpretat fis-sens li:

minn din id-dispożizzjoni jirriżulta li deċiżjoni legalment vinkolanti ta' awtorità superviżorja hija suġġetta għal stħarriġ ġudizzjarju sħiħ dwar il-mertu.

2) Il-punt (f) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 6(1) tar-Regolament (UE) 2016/679,

għandu jiġi interpretat fis-sens li:

jipprekludi l-ħażna, minn kumpannija privata li tipprovdi informazzjoni kummerċjali, ta' data personali li tirriżulta minn reġistru pubbliku bħall-"bażijiet ta' data nazzjonali" fis-sens tal-Artikolu 79(4) u (5) tar-Regolament (UE) 2015/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2015 dwar proċedimenti ta' insolvenza, matul perijodu li jmur lil hinn minn dak li matulu d-data tkun maħżuna fir-reġistru pubbliku. Hija l-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika jekk il-ħażna tad-data matul il-perijodu awtorizzat għar-reġistru pubbliku tissodisfax il-kundizzjonijiet tal-punt (f) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 6(1) tar-Regolament (UE) 2016/679.

3) L-Artikolu 17(1)(d) tar-Regolament (UE) 2016/679,

għandu jiġi interpretat fis-sens li:

is-suġġett tad-data għandu d-dritt li jikseb mingħand il-kontrollur it-tħassir, kemm jista' jkun malajr, tad-data personali li tikkonċernah meta din id-data tkun ġiet suġġetta għal ipproċessar illegali konformement mal-Artikolu 6(1) ta' dan ir-regolament.

L-Artikolu 17(1)(c) tar-Regolament (UE) 2016/679,

għandu jiġi interpretat fis-sens li:

is-suġġett tad-data, bħala prinċipju, għandu dritt jikseb mingħand il-kontrollur it-tħassir, kemm jista' jkun malajr, tad-data personali li tikkonċernah meta huwa joġġezzjona għall-ipproċessar konformement mal-Artikolu 21(1) ta' dan ir-regolament. Hija l-qorti tar-rinviju li għandha teżamina jekk jeżistux, fuq bażi eċċezzjonali, raġunijiet leġittimi prevalenti għall-ipproċessar.

4) L-Artikolu 40(2) u (5) tar-Regolament (UE) 2016/679,

għandu jiġi interpretat fis-sens li:

kodiċijiet ta' kondotta mħejjija, konformement ma' dawn id-dispożizzjonijiet u possibbilment approvati mill-awtorità superviżorja, ma jistgħux jistabbilixxu b'mod legalment obbligatorju l-kundizzjonijiet ta' ipproċessar legali ta' data personali li jkunu differenti minn dawk definiti fl-Artikolu 6(1) ta' dan ir-regolament.